**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 402/2020**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Victor Degabriele**

**Illum 27 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Victor Degabriele**, bin Peter u Anna neè Camilleri, imwieled il-Pietà fl-1 ta' Frar 1984 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 191384(M), talli f'xi ħin bejn is-01:30hrs u 07:00hrs ta' sbieħ l-24 ta' Novembru 2019, ġewwa Kastellan Crt, Flt 2, Triq il-Faqqus, Żejtun:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li huwa iżjed minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok, għad-dannu ta' Ryan Grech bi ksur ta' l-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 263, 267, 269(g), 270, 279(b), 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Volontarjament ħassar, għamel ħsara u/jew għarraq ħwejjeġ ta' ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioè ħsara fuq bieb ta' barra tal-fond imsemmi, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-dannu ta' Ryan Grech bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kiser il-kundizzjoniijet ta' Probation imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. nhar is-26 ta' Frar 2018;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (1) tittratta ma' Victor Degabriele bħala reċidiv ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Victor

Degabriele għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "SB" sa' Dok. "SB3"[1] a fol. 6 sa' 15 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 25 ta' Awwissu 2020[2] ġie nominat l-Avukat Dr. Stephen Farrugia Sacco bħala Espert Tekniku sabiex joħroġ messaġġi li għaddew bejn il-mobile esebit bħala Dok. "SB3" a fol. 40 tal-proċess u n-numri *highlighted* bl-isfar fid-dokumenti Dok. "SB1" u Dok. "SB2" a fol. 29 sa' 39 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Saviour Baldacchino mogħtija waqt is-seduti tal-25 ta' Awwissu 2020[3], tad-9 ta' Ottubru 2020[4], tat-3 ta' Mejju 2021[5], tat-3 ta' Ġunju 2021[6] u ta' l-1 ta' Diċembru 2021[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SB1" sa' Dok. "SB7" a fol. 29 sa' 45 tal-proċess, Dok. "SB8", ossia sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Victor Degabriele et" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Frar 2018, a fol. 152 sa' 173 tal-proċess, Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 332 sa' 334 tal-proċess u Dok. "SBX1" sa' Dok. "SBX3" a fol. 364 sa' 370 tal-proċess, rat il-Procès-Verbal Numru 1050/2020 dwar serqa minn ġewwa Kastellan Court, Flat 2, Triq il-Faqqus, Żejtun, li seħħet nhar l-24 ta' Novembru 2019, a fol. 65 sa' 67 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Settembru 2020[8] u ta' l-14 ta' Marzu 2022[9] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "SFS" a fol. 110 sa' 119 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Ryan Grech mogħtija waqt is-seduti tad-9 ta' Ottubru 2010[10] u tas-26 ta' April 2022[11] u x-xhieda ta' PS1227 Malcolm Pace[12], Charmaine Zammit[13], in rappreżentanza ta' Vodafone Malta Limited, u ta' Johan Carter[14], in rappreżentanza tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020 u rat id-dokumenti esebiti minn PS1227 Malcolm Pace markat Dok. "MP" a fol. 137 sa' 143 tal-proċess, minn Charmaine Zammit markat Dok. "CZ" a fol. 145 tal-proċess u minn Johan Carter markat Dok. "JC" a fol.

---

[1] Esebit Nru. KA227/2020, fol. 121 tal-proċess.

[2] Fol. 27 tal-proċess.

[3] Fol. 46 sa' 63 tal-proċess.

[4] Fol. 151 tal-proċess.

[5] Fol. 305 sa' 307 tal-proċess.

[6] Fol. 331 tal-proċess.

[7] Fol. 363 tal-proċess.

[8] Fol. 108 u 109 tal-proċess.

[9] Fol. 375 u 376 tal-proċess.

[10] Fol. 125 sa' 132 tal-proċess.

[11] Fol. 378 sa' 380 tal-proċess.

[12] Fol. 133 sa' 136 tal-proċess.

[13] Fol. 144 tal-proċess.

[14] Fol. 146 sa' 149 tal-proċess.

150 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020[15] u x-xhieda ta' l-Avukat Dr. Alexander Scerri Herrera mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020[16] u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat imħejjija mill-Avukat Dr. Alexander Scerri Herrera markata Dok. "ASH1" a fol. 238 sa' 287 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Marflene Cricchiola[17] u ta' l-Espert Dr. Marisa Cassar[18] mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2021 u x-xhieda ta' Nicole Vassallo mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2021[19], semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Lennox Vella mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2023[20] u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' Nicole Vassallo imħejjija minnu markata Dok. "LV" a fol. 386 sa' 408 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 26 ta' Jannar 2021[21], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263(a), 264, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2), 281(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2021[22], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli f'xi ħin bejn is-01:30hrs u 07:00hrs ta' sbieħ l-24 ta' Novembru 2019, ġewwa Kastellan Crt, Flt 2, Triq il-Faqqus, Żejtun: (1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li huwa iżjed minn €2,329.37 u bil-lok, għad-dannu ta' Ryan Grech; (2) Volontarjament ħassar, għamel ħsara u/jew għarraq ħwejjeġ ta' ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioè ħsara fuq bieb ta' barra tal-fond imsemmi, liema ħsara ma tiskorrix €250 għad-dannu ta' Ryan Grech; (3) Kiser il-kundizzjoniijet ta' Probation imposti fuqu mill-

[15] Fol. 216 sa' 231 tal-proċess u fol. 234 tal-proċess.

[16] Fol. 237 tal-proċess.

[17] Fol. 324 u 325 tal-proċess.

[18] Fol. 326 sa' 328a tal-proċess.

[19] Fol. 371 tal-proċess.

[20] Fol. 385 tal-proċess.

[21] Fol. 301 tal-proċess.

[22] Fol. 302 tal-proċess.

Qorti tal-Maġistrati kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. nhar is-26 ta' Frar 2018.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 26 ta' Jannar 2021[23], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263(a), 264, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2), 281(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

**Provi:**

L-**Ispettur Saviour Baldacchino**[24] xehed illi nhar l-24 ta' Novembru 2019, għall-ħabta tas-7:30a.m., l-Għassa taż-Żejtun ġew infurmati mill-*Control Room* tal-Pulizija li kienet ġiet rappurtata serqa minn ġewwa l-fond Kastellan Court, Flat 2, Triq il-Faqqus, Żejtun. Meta l-Pulizija rrikorrew fuq il-post huma raw li l-bieb ta' barra ta' l-appartament in kwistjoni kellu sinjali ta' sgass u li fl-appartament kien hemm taqlib fil-kamra tas-sodda biss. Ryan Grech, l-allegat vittma, ġie mitkellem mill-Pulizija u dan stqarr illi *għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' dak il-lejl stess, hu kien daħal lura mix-xogħol, għax huwa għandu ħanut tal-pastizzi u tat-takeaway, kien daħal jieħu shower, fil-fatt ħa shower, libes u reġa' ħareġ u mar l-Oyster Lounge li jinsab Marsaxlokk u qal li rritorna lura fis-sebgħa ta' filgħodu u sab il-bieb imkisser kif iddeskrivejt.* Mistoqsi x'insteraqlu, Ryan Grech stqarr li nsterqitlu somma flus kontanti komplessivament ammontanti għal €11,200, liema somma kienet imqassma f'diversi postijiet madwar il-kamra tas-sodda: b'€6,000 ġo kaxxa taż-żraben, €4,000 ġo kaxxa oħra li kienet fil-gwardarobba, €1,200, flus li kien juża, li kienu ġo man bag fuq il-mejda. Mistoqsi kellux suspetti f'xi ħadd, Ryan Grech stqarr li kellu suspett fl-ex-sieħba tiegħu Nicole Vassallo. Fir-rigward l-Ispettur Baldacchino stqarr li *dan kien joħroġ ma' persuna, ċertu Nicole Vassallo, u għamlet żmien tgħix fl-appartament tiegħu u huwa qalilna li s-suspett kien minħabba l-fatt li hi kienet waħda mill-ftit persuni li kienu jafu bil-moħbiet li kienu qegħdin fil-kamra tas-sodda peress li l-ħsara kienet biss fil-kamra tas-sodda, u iktar minn hekk għax dak il-lejl stess hu kien innota lil Nicole matul il-lejl fl-Oyster Lounge u imbagħad meta ddeċieda li mill-Oyster Lounge imur il-Power Bar Biżebbugia, innutaha anki fil-Power Bar, Birżebbugia, jiġifieri beda jissusspetta li kienet qed issegwieh.*

L-Ispettur Baldacchino żied jgħid illi *l-Pulizija nnutaw ukoll li fit-taraġ, fil-komun 'il ġewwa, qisu ftit tarġiet 'il bogħod mill-bieb tal-vittma kien hemm ingwanta tal-latex li kienet qiegħda f'nofs it-taraġ. … Il-Pulizija ukoll irrealizzat li kien hemm xi*

[23] Fol. 301 tal-proċess.

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Awwissu 2020, fol. 46 sa' 63 tal-proċess.

*pakkett bil-flus li kien tħalla hemmhekk mill-ħallelin li kien qiegħed fil-kexxun tal-komodina ħdejn is-sodda. … Għal dan ir-rapport kien hemm inkjesta tal-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo* - in segwitu esebita a fol. 67 tal-proċess - *… Bħala investigazzjoni, aħna ppruvajna nagħmlu investigazzjoni rigward CCTV però CCTV ma rnexxilniex għaliex fil-viċinanzi ma kienx hemm u għamilna investigazzjoni fuq il-call logs ta' Nicole Vassallo. Fil-call logs ta'* ***Nicole Vassallo*** *numru 99315060 irriżulta li f'nofs il-lejl u ħames minuti, f'nofs il-lejl u sitt minuti u fis-sagħtejn neqsin għoxrin kien hemm kuntatt bejn dan il-mobile number li għadni kif semmejt li jipiċċa 060 u mobile ieħor 99742806. Mill-investigazzjonijiet li għamilna dan il-mobile huwa ta' Victor Degabriele, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 191384(M). … mill-investigazzjoni li għamilna fuq in-numru ta' Nicole Vassallo, irriżulta li l-informazzjoni li tana l-vittma kienet waħda veritiera għaliex fil-ħinijiet pressopoco li semmielna hu, hi kienet qiegħda fil-postijiet illi indikalna, cioè Oyster Lounge, li mill-investigation jidher f'dawk l-inħawi.* Il-call logs relattivi għall-mobile number ta' Nicole Vassallo ġew esebiti u markati bħala Dok. "SB1" a fol. 29 sa' 35 tal-proċess.

Ix-xhud żied jgħid li *fuq Victor Degabriele aħna tlabna lis-service provider jagħtina l-call logs u l-localisation ta' Victor Degabriele tan-numru 99742806, fejn jirriżulta li fis-sagħtejn u ħames minuti dan il-mobile number li għadni kif semmejt kien lokalizzat iż-Żejtun, u cioè fil-viċinanzi fejn saret is-serqa. Jirriżulta ukoll li kien hemm kuntatti bejn dan il-mobile ta' Victor Degabriele u l-mobile ta' Nicole Vassallo għax aħna konna għadna kemm għamilna dik l-investigazzjoni, però rriżulta wkoll li kien hemm kuntatti ma' mobile number ta' Ignazio Pavia u dan il-mobile number huwa 99857743. Minn investigazzjonijiet li għamilna, irriżulta li l-kuntatt bejn Victor Degabriele u Iganzio Pavia sar fis-sagħtejn neqsin għoxrin (1:41:16) u dan irriżulta li saret telefonata mill-mobile ta' Victor Degabriele għall-mobile ta' Iganzio Pavia. Oħra ftit sekondi oħra w oħra għaxar minuti wara. Irriżulta wkoll li Ignazio Pavia huwa z-ziju ta' persuna oħra li qegħdin ninvestigaw li huwa Marflene Cricchiola u aktar tard ħa jidħol f'din l-investigazzjoni.* Il-call logs relattivi għall-mobile number ta' l-imputat ġew esebiti u markati bħala Dok. "SB2" a fol. 36 sa' 39 tal-proċess.

L-Ispettur Baldacchino xehed ulterjorment illi *fid-9 ta' Ġunju 2020, b'din l-informazzjoni f'idejna arrestajna lil Nicole Vassallo kif awtorizzat mill-Maġistrat Inkwirenti fejn aħna wrejnieha l-investigazzjoni kif marret u fejn hi qaltilna bejn wieħed u ieħor x'kien ġara u ma ġarax. Hi ammettiet l-involviment tagħha fis-sens illi hi kienet tkellmet ma' Marflene Cricchiola fejn dan kien, skond investigazzjoni tagħna, kellimha biex tagħtih informazzjoni fuq fejn kien joqgħod Ryan u fejn kien iżomm il-flus, hi ma qaltilniex li qaltlu fejn kien iżomm il-flus però bejn wieħed u ieħor indikatlu fejn kien joqgħod Ryan. Qaltilna wkoll li kienet serviet bħala look out u cioè meta Ryan Grech kien qiegħed jiddeverti ġewwa Oyster Lounge, hi kienet qagħdet look out u nfurmat lis-Sur Marflene Cricchiola dwar il-fatt li kien qiegħed hemmhekk Ryan, allura setgħu faċilment jidħlulu. Hi stqarret ukoll li is-Sur Victor Degabriele, għalkemm kien hemm telefonati bejna u bejnu, lis-Sur Degabriele ma tafux personali u aħna wrejnieha ritratti tas-Sur Victor Degabriele u qaltilna li lil dan il-persuna ma tafux. Staqsejniha dwar il-kuntatti li kien hemm bejn il-mobile tagħha u ta' Victor Degabriele qaltlina li rċeviet messaġġ fejn jgħid*

*"Jien Mar" li kien qed jirreferi għal Marflene. Ta' min wieħed jinforma lill-Qorti illi din Nicole Vassallo għandha tifel in komuni ma' Marflene Cricchiola. Hi qaltilna li ma hemmx kuntatt fuq it-tifel ma' Marflene Cricchiola u qalet ma jinteressahiex ma' Marflene Cricchiola u l-ewwel kuntatt li sar kien dwar din is-serqa jiġifieri ma hemmx relazzjoni ta' missier u omm u t-tifel, ma teżistix, he's a stranger, apparti li hemm it-tifel. Ta' min wieħed jinforma lill-Qorti wkoll illi din Nicole Vassallo qed tistenna tifel mingħand Ryan Grech. Dawn l-affarijiet m'għandhomx x'jaqsmu imma tajjeb wieħed iżomm dawn l-affarijiet f'moħħu għax hemm dan it-trio bil-problemi li jistgħu jinqalgħu fil-futur*. Iddikjara li fil-konfront ta' Nicole Vassallo ttieħdu passi kriminali in konnessjoni ma' din is-serqa rappurtata minn Ryan Grech.

L-Ispettur iddikjara ulterjorment illi *l-investigazzjoni kompliet tiżvolġi li f'xi ħin Cricchiola għamel użu mill-mobile ta' Victor Degabriele. Ahna, bħalma ġià esibejt id-dokument, hemm kuntatti bejn Victor Degabriele u Ignazio Pavia li allura dan qed jużaħ Marflene Cricchiola għax huwa iz-ziju tiegħu Ignazio Pavia, jiġifieri waqt li kienet qed issir is-serqa kien hemm kuntatt bejn dawn iż-żewġ mobile phones. … Nhar il-21 ta' Lulju 2020, fl-uffiċċju tiegħi arrestajna lil Victor Degabriele fejn wara li kien mogħti d-drittijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-arrest, għidnilu x'kellna fuqu bħala investigazzjoni. Fil-5 ta' Awwissu 2020, is-Sur Victor Degabriele kien eskortat fl-Awli tal-Qorti fejn aħna wara li tlabna lill-Maġistrat Inkwirenti, itteħidlu swab minn fuqu u ġie komparat ma' dik l-ingwanta li kienet instabet fit-taraġ tal-post imsemmi fix-xena tad-delitt. Fis-17 ta' Awwissu 2020, Victor Degabriele reġa' attenda permezz ta' Police Bail ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn kien infurmat illi l-match qabel, cioè d-DNA tiegħu qabel ma' dak fuq l-ingwanta tal-latex li kienet instabet fuq ix-xena tad-delitt. Hu baqa' bil-verżjoni tiegħu li hemm ġew qatt ma daħal u ġol-post imsemmi ma daħalx. Huwa ukoll semma' lil Marflene Cricchiola, semmieh kemm-il darba bħala l-persuna probabbilment sar frameup, beda jallega li dan ġie frejmjat, li xi ħadd tefa' l-ingwanta tiegħu fix-xena tad-delitt, infurmah ukoll li Cricchiola kien qallu bis-serqa minn qabel però ma riedx jidħol fiha.*

Fir-rigward ta' x'spjegazzjoni ta l-imputat għall-fatt li kien hemm id-DNA tiegħu fuq l-ingwanta in kwistjoni, l-Ispettur Baldacchino ddikjara *l-unika spjegazzjoni li kien hemm fejn hu beda jgħidilna li l-mobile tiegħu dakinhar, avolja kien hemm diskussjoni li Marflene Cricchiola kien ser imur jisraq, però s-Sur Degabriele kien għażel li jagħti l-mobile lil Marflene Cricchiola jew inkella nesieh għandu u Marflene Cricchiola kien ċempel u uża l-mobile tiegħu fis-serqa. Issa meta jiena staqsejtu fuq id-DNA qalilna li dan huwa frameup. … qalli li ġieli uża ingwanti, anki minħabba l-Covid, avolja li f'dan iż-żmien ma kienetx għadha teżisti l-Covid, però qalilna li ġieli kellu ingwanti tal-latex u wżahom u li seta' kien hemm xi tip ta' frameup. Dik hija l-ispjegazzjoni li tana. Fil-fatt, il-fatt li semmielna lil Marflene Cricchiola u li Cricchiola huwa l-persuna u l-moħħ wara kollox, hu kien qed jallega frameup, jiġifieri l-allegazzjoni tiegħu kienet li l-ingwanta kienet mitfugħa fuq ix-xena tad-delitt u allura l-ħsieb kien li neħodlok il-mobile, neħodlok l-ingwanta tiegħek biex il-focus kollu jaqa' fuqek u b'xi mod kienet setgħat kienet veritiera stante li nafu li kien hemm Cricchiola msemmi miż-żewġ fatturi. Aħna li għamilna huwa li jiena staqsejtu "dan tgħidu quddiem Cricchiola inti?" Għall-bidu*

*qisu kien daqsxejn shaky imbagħad qalli "iva". Dak il-ħin ġibna lil Cricchiola waqt l-investigazzjoni u sar il-konfront, biss ma kienx hemm ir-reazzjoni li stennejna għaliex persuna illi jkun frejmjak, every man in the street ikollu rabja kbira u will kbira w infatti jiena ġibt il-Pulizija biex joqgħodu barra għax jiena stennejt li ħa jkun hemm xi tip ta' turbulenzi; dan ma kienx hemm u kważi kważi kienet amikevoli l-affari. Din ħadtha daqsxejn into consideration ħafna jiena. ... fil-fatt f'ħin minnhom, tant kienet assurda li f'ħin minnhom ħriġt lil Cricchiola barra u kellimt lil Degabriele ras imbras u għedtlu "oħroġ dak li għandek x'toħroġ, jekk dan semmielek is-serqa semmihielu s-serqa" u jiena bdejt nirrabja iktar minnu bħala reazzjoni.*

Mistoqsi mill-Qorti x'intqal waqt dan il-konfront, l-Ispettur Baldacchino, filwaqt li qal li dan ma kienx recorded, stqarr *id-diskors kien "Jiena ma kontx, inti kont?" "jiena ma kontx imma xi ħadd kien". "Issa min għandu jerfa' r-responsabilità jerfagħha imma jiena nista' naħlef għalih dak ir-raġel, iva" minn naħa ta' Cricchiola, "imma jiena ħa mmur il-ħabs". Kien hemm tip ta' botti imma mhux ir-reazzjoni li kont qed nistenna għidilhom min kien inti kont. Mhux dik it-tip ta' reazzjoni li inti gia daħħaltni ġo dan il-bużillis int.* Meta kkonfronta lill-imputat dwar il-mod kif kien miexi l-konfront bejnu u Marflene Cricchiola, l-imputat qallu *ħa nistennieh ħa joħroġha hu*, iżda l-Ispettur iddikjara li *ma ħariġhiex hu, baqħgu l-istess.* In fine l-Ispettur Baldacchino xehed illi *meta wieħed iqis id-DNA u l-localisation tas-Sur Degabriele fuq il-post, il-kuntatt li kien hemm bejn Iganzio Pavia u cioè Marflene Cricchiola u s-Sur Degabriele fl-inħawi, fuq il-post jiġifieri kienu qegħdin it-tnejn qegħdin. By the way jiena mhux qed ngħid li Marflene Cricchiola ma għandux x'jaqsam; jiena qed ngħid it-tnejn, it-tlieta anzi, għax hemm it-tfajla wkoll. Imbagħad l-option l-oħra x'inhi, li nżomm żewġ mobiles u wieħed iċempel lill-ieħor, ma tantx tagħmel sens u iktar minn hekk id-DNA tas-Sur Degabriele fuq il-post, kelli l-provi bizżejjed li nressaq lis-Sur Degabriele.*

In kontro-eżami għall-mistoqsija jekk lil Ignazio Pavia kellmux biex jara li l-mobile tiegħu kienx qed jintuża minn Marflene Cricchiola, l-Ispettur Baldacchino wieġeb illi iva. Mistoqsi wkoll jekk rahiex stramba li fuq il-post ta' l-allegata serqa tħalliet ingwanta, ossia l-ingwanta li rrefera għaliha fil-kors ta' l-eżami tiegħu, l-Ispettur wieġeb li għalih ma kenitx stramba imma x'aktarx sar żball mill-malviventi involuti. Mistoqsi wkoll jekk rahiex strambe fil-kors ta' l-allegata serqa tqallbet il-kamra tas-sodda kollha iżda tħalla pakkett flus f'xi komodina, l-Ispettur wieġeb li le u għalih kienet *iktar indikattiva mill-stramba, indikattiva li kienu jafu fejn għandhom ifittxu u hemmhekk ma kienx indikat.* Mill-kontro-eżami rriżulta wkoll li insegwitu għall-allegata serqa, l-allegat vittma Ryan Grech u waħda mis-suspettati Nicole Vassallo reġgħu bdew jiffrekwentaw lil xulxin. Fir-rigward tal-kuntatt li sar bejn din Nicole Vassallo u Marflene Cricchiola dwar l-allegata serqa, l-Ispettur stqarr *min ċempel u min ma ċempilx ma nafux, li hu żgur huwa li kien hemm kuntatt bejniethom* u għall-mistoqsija *kif qed nifhem jiena, li kien Marflene Cricchiola li avviċinaha biex tagħtih informazzjoni fuq il-whereabouts ta' Ryan Grech*, l-Ispettur wieġeb *il-verżjoni tagħha* (ossia ta' Nicole Vassallo) *però min ċempel lil min, li kien hemm kuntatt bejn waħda u l-ieħor u x'intqal bejniethom, lanqas huwa daqshekk ċar, li naf żgur huwa rigward l-appartament misruq.* Mistoqsi wkoll *jiġifieri waqt dan il-konfront* (bejn Marflene Cricchiola u l-imputat) *li inti*

*għedtilna li kien seren, però punt li Marflene qallek "iva jiena kont qed nuża l-mobile tiegħu" dik ħarġet hux hekk?* l-Ispettur Baldacchino wieġeb *iva, iva dik nista' nixhidha jiena.* Iżda mistoqsi f'liema kuntest intqal dan il-kliem, huwa xehed *ġieli jinsieh għandu, ġieli jiddubbaaw il-mobiles ta' xulxin* u għall-mistoqsija ulterjuri tad-Difiża *id-domanda tiegħi kienet iktar speċifika, għal dik il-ġurnata partikolari, għandna serqa ta' l-24 ta' Novembru 2019, milli qed nifhem Ryan Grech daħal lura xis-siegħa, ħa shower u reġa' ħareġ wara, ejja ngħidu li bejn is-sagħtejn u s-sebgħa ta' filgħodu u inti qed tgħidilna li għandek xi logs qrib is-sagħtejn jekk mhux sejjer żball, u dik kienet il-mistoqsija tiegħi, u għedtilna issa, allright ghedtilna li ma tajtux il-caution, Marflene Cricchiola irrikonoxxa li hemmhekk kien qed jagħmel użu hu mill-mobile?* l-Ispettur Baldacchino wieġeb *f'dawk il-postijiet ma qallix. ... dik għandha tirriżultali mill-investigazzjoni tiegħu, huma mistoqsijiet li ovvjament huma pertinenti.*

Fir-rigward tal-kuntatti li saru bejn il-mobiles ta' Nicole Vassallo, l-imputat u Ignazio Pavia, l-Ispettur Saviour Baldacchino ddikjara *sms bejn is-Sur Degabriele u Nicole Vassallo f'nofs il-lejl u ħames minuti. ... fis-sagħtejn neqsin għoxrin (1:41:16) bejn is-Sur Degabriele u s-Sur Ignazio Pavia ġewwa Marsaxlokk.* Hawn l-Ispettur iċċara li l-*localisation* għal Marsaxlokk kienet għall-*originating call*, ossia dik mill-mobile number ta' l-imputat għall-mobile number ta' Iganzio Pavia. *Hemm erba' kuntatti bejn nofsilejl u ħamsa u s-siegħa u ħames minuti bejn il-mobile ta' Victor Degabriele u Nicole Vassallo*, iżda fir-rigward ta' dawn jgħid li ma hemmx *localisation.* Żied jgħid li għall-Pulizija kemm l-imputat kif ukoll Marflene Cricchiola wettqu s-serqa in kwistjoni *għax irriżultaw it-tnejn fuq il-post. Imbagħad għandi (1:41:16) dik li semmejt qabel ma' Ignazio Pavia originating call 20 seconds.* Ikkonfrontat mid-Difiża dwar il-fatt li l-*originating call* mill-mobile ta' l-imputat kienet Marsaxlokk, fl-istess post fejn kien hemm l-allegat vittma Ryan Grech, waqt li suppost l-istess imputat qed jisraq fil-fond fiż-Żejtun, l-Ispettur wieġeb *imbagħad wieħed irid jara l-covering zone ta' l-antennas, dawk imbagħad nesebuhom iktar tard* u kompla jixhed li *fil-ħin ta' (1:42:10) is-Sur Degabriele irċieva telefonata mingħand Nicole Vassallo. ... In-numru tiegħu rċieva u damet 13 seconds.* Din it-telefonata kienet originating *San Luċjan. San Luċjan ukoll (1:42:41) jiġifieri tletin sekonda wara, telefonata mill-mobile tas-Sur Ignazio* [recte: Victor] *Degabriele għal ta' Ignazio Pavia u damet 24 sekonda.* Għall-mistoqsija *u l-istess, il-mobile allegatament ta' Victor Degabriele f'dak il-mument, skond l-informazzjoni li għandek s'issa, kien qiegħed Marsaxlokk, San Luċjan?* l-Ispettur Baldacchino wieġeb *San Luċjan (1:52:58) Ignazio Pavia u fis-sagħtejn u seba' minuti u tletin sekonda damet 33 sec.* Fuq mistoqsija tal-Qorti l-Ispettur iddikjara li din l-aħħar telefonata bħala *originating call* kienet qed timmarka ż-Żejtun u żied jgħid li skond *call logs* fil-pussess tiegħu, il-mobile ta' Ignazio Pavia dak il-ħin ma kienx qiegħed iż-Żejtun.

Dejjem in kontro-eżami fir-rigward tal-konfront bejn l-imputat u Marflene Cricchiola, l-Ispettur Baldacchino xehed illi *l-mistoqsijiet minn naħa tiegħu biss kienu kważi għax is-Sur Degabriele ma kienx daqshekk irrabjat jew daqshekk imqanqal biex jipprova joħroġ dak kollu li kellu joħroġ mingħand is-Sur Cricchiola u dan għedtulu. Jiena r-reazzjoni tiegħu ċċassatni u ma stennejtx dik ir-reazzjoni għaliex persuna li qed tallega li għamillek frameup kieku jiena jkolli*

*ħafna rabja lejn persuna li jipprova jiffrejmjani u dakinhar dik ir-rabja ma rajthiex. Imbagħad meta staqsejtu jiena għalxiex mhux qed isemmilu s-serqa, għax allegatament kien hemm diskors bejn is-Sur Cricchiola u s-Sur Degabriele fuq is-serqa, dan bħal speċi wera li mhux interessat allegatament. Kieku jiena kont fil-panni tas-Sur Degabriele kieku kont insemmilu u ngħidlu, ma tafx li kont semmejthieli din is-serqa? U għedltu "semmihielu s-serqa" imma ma semmihielux. Għedtlu "ippunta subgħajk lejħ, akkużah bis-serqa!" Dan mhux qed jakkużawh il-Qorti qed jgħidlu li inti sraqt u jiena qiegħed hawn ġew u ma sarx dan it-tip ta' diskors.*

L-Ispettur Saviour Baldacchino esebixxa l-mobile phone ta' l-imputat li ġie esebit bħala Dok. "SB3" - Esebit Nru. KA227/2020. Dan il-mobile phone ġie eżaminat mill-Espert Tekniku nominat Dr. Stephen Farrugia Sacco għall-fini li joħroġ messaġġi bejn l-imsemmi mobile phone u n-numri *highlighted* fid-dokumenti Dok. "SB1" u Dok. "SB2", ossia 909, 99742806 (skond l-Ispettur Baldacchino n-numru ta' l-imputat) u 99953031 - dawn f'Dok. "SB1" - u 99315060 (skond l-Ispettur Baldacchino n-numru ta' Nicole Vassallo), 77887976 u 99857743 (skond l-Ispettur Baldacchino n-numru ta' Ignazio Pavia).

Fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020[25], l-Ispettur Saviour Baldacchino ppreżenta sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Victor Degabriele et" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Frar 2018, markata Dok. "SB8" a fol. 152 sa' 173 tal-proċess. In kontro-eżami waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2021[26], l-Ispettur Baldacchino iddikjara li in konnessjoni ma' l-allegata serqa mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Pulizija ressqu wkoll lil Nicole Vassallo u lil Marflene Cricchiola. Dawn l-imputazzjonijiet ġew minnu ppreżentati waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2021 u markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 332 u 334 tal-proċess. L-Ispettur tenna li *jiena jirriżultali, kif digà għidt li Marflene Cricchiola kien avviċina lil Nicole Vassallo, li Nicole Vassallo, in a nut shell biex ma noqgħodx nerġa' nirrepeti ftehmet miegħu biex toqgħod bħala look out u bħala lookout qagħdet għaliex meta ħareġ il-vittma, hi għamlet kuntatt fuq il-mobile ta' Victor Degabriele u kien hemm kuntatt bejn il-mobile ta' Victor Degabriele u l-mobile ta' Nicole Vassallo fejn dawn ingħataw istruzzjonijiet*. Xehed illi Ryan Grech għażel li ma jixhidx kontra Nicole Vassallo fil-proċeduri istitwiti kontriha in kwantu jinsabu f'relazzjoni bejniethom.

L-istqarrija ta' Nicole Vassallo li ttieħdet fid-9 ta' Ġunju 2020, ġiet traskritta mill-**Avukat Dr. Lennox Vella**[27] u tinsab esebita bħala Dok. "LV" a fol. 386 sa' 408 tal-proċess. Fl-istqarrija tagħha Nicole Vassallo kkonfermat li l-mobile number tagħha huwa 99315060. Rinfaċċata bil-fatt li fl-24 ta' Novembru 2019 f'diversi ħinijiet wara nofsilejl kien hemm kuntatt bejn il-mobile tagħha u l-mobile number 99742806 li huwa ta' l-imputat, hija ddikjarat li lill-imputat ma tafux u fir-rigward tal-messaġġ li rċeviet minn dan il-mobile qalet li dan kien jaqra "Jien Mar" u għaliha Mar huwa Marflene Cricchiola. Dan il-messaġġ rċevietu waqt li kienet l-

[25] Fol. 151 tal-proċess.

[26] Fol. 305 sa' 307 tal-proċess.

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2023, fol. 385 tal-proċess.

Oyster Pub flimkien ma' oħtha u sħabha u wara li ratu, ħassritu. Stqarret ukoll li Cricchiola jiġi missier it-tifel tagħha, li dak iż-żmien kellu ħames snin, iżda miegħu ma għandha l-ebda relazzjoni u lanqas jagħtiha manteniment. Ikkonfermat li dak il-lejl u fis-siegħat bikrin ta' l-24 ta' Novembru 2019 hija rat lil Ryan Grech l-Oyster Pub kif ukoll ġewwa l-Power Bar, Birżebbuġia. Vassallo qalet li wara l-messaġġ, Marflene Cricchiola ċemplilha u staqsiha jekk Ryan Grech kienx qiegħed hemm, fejn hi wieġbet fl-affermattiv. Cricchiola ried din l-informazzjoni għaliex madwar ġimgħa qabel kien qalilha li lil Ryan Grech ried jidħollu ħalli jeħodlu l-flus għaliex kellu bżonn il-flus. Caħdet li lil Cricchiola tatu l-indirizz ta' Grech u kulma qaltlu kien li kien joqgħod iż-Żejtun u meta huwa staqsiha fejn Grech kien iżomm il-flus qaltlu li jżommhom fil-kamra tas-sodda. Caħdet li qagħdet għassa ta' Ryan Grech għal Cricchiola u stqarret illi ma tatux ċwievet tal-fond. Stqarret ukoll illi Cricchiola ma kien taha xejn. Mistoqsija tafx lil Iganzio Pavia wieġbet fl-affermattiv u ikkonfermat li Marflene Cricchiola kien joqgħod miegħu iżda ma setgħetx tgħid kienx juża l-mobile tiegħu.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2020[28], **l-Espert Tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco**, illi analizza l-mobile elevat mill-pussess ta' l-imputat, xehed illi *kif aħjar spjegat fir-relazzjoni tiegħi, bħala sms lanqas kien hemm sms wieħed fuq iċ-ċellulari. Stajt nara wkoll messaġġi whatsapp għal kull buon fini imma ma irriskontrawx dawk in-numri u fuq search ġenerali fuq it-telephone call b'dawk in-numri kien hemm żewġ contacts bl-ismijiet abbinati imma bħala sms ma kienx hemm.* Ir-Relazzjoni in kwistjoni tinsab esebita bħala Dok. "SFS" a fol. 110 sa' 117 tal-proċess.

In kontro-eżami waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2022[29], l-imsemmi Espert Tekniku xehed illi *essenzjalment l-inkarigu kien dak li jirrigwarda messaġġi. Issa fl-antik messaġġi qisu kienu kapaċi jiftiehem bħala SMS's filwaqt li messaġġi llum il-ġurnata jista' jinftiehem bħala Facebook Messenger, Whatsapp, Viber u hemm infinità, Telegram, ta' messaġġi. F'dan il-każ in partikolari jiena għamilt l-estrazzjoni ta' l-informazzjoni u rriskontrajt kif hemm imsemmi fir-rapport, call logs. In layman's terms a fol. 114, li qed ngħid huwa li hemm tip ta' aċċess differenti għal ċellulari għal a partition of data. F'dan il-każ route access would normally be used meta inti trid tara per eżempju cashes ossia Facebook Messenger, biċċiet tal-messaġġi minn Facebook Messenger jew xi messaġġi per eżempju li jkunu ġew imħassrin u trid tipprova, dak huwa fejn inti jkollok bżonn taċċedi għall-file system proprja ossia r-route access għal dik il-ħaġa. Fir-rigward ta' dan l-inkarigu, huwa ħafna inqas relevanti għaliex l-inkarigu kien iktar jikkontjeni SMS's milli stajt nifhem u call logs, ossia telefonati biex inqabbel u għaldaqstant jiena, peress illi dik kienet il-metodoloġija li ntużat fis-sena 2020, ovvjament għamilt referenza għaliha. … Jiena semmejt fit-2.3 li ma kienx hemm SMS wieħed u kif fit-2.4 għidt kif essenzjalment li rriżulta kienu call logs ossia ovvjament il-missed call u d-dialled call tal-contacts bin-numru u elenkajt in-numri u l-ismijiet li ngħataw fuq iċ-ċellulari lil dawk in-numri.*

---

[28] Fol. 108 tal-proċess.

[29] Fol. 375 u 376 tal-proċess.

**PS1227 Malcolm Pace**[30] ikkonferma li nhar l-24 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tas-7:30a.m. ġie nfurmat mill-*Control Room* tal-Pulizija li kienet seħħet serqa minn fond "Kastellan Court" Flat 2, Triq il-Faqqus, Żejtun. Stqarr li rrikorra fuq il-post u filwaqt li l-bieb tal-komun ma' kellux ħsarat, il-bieb ta' l-appartament kien sgassat u kellu xi biċċiet tax-xambrella mitfugħin il-ġewwa. Ra li fl-appartament ma kienx hemm taqlib ħlief fil-kamra tas-sodda u ra wkoll quilt tas-sodda ma' l-art. Mill-ewwel investigazzjonijiet irriżulta li l-flat huwa ta' Ryan Grech u li dakinhar miegħu kien hemm ċertu Ilona Grech u Christian Sherif. Kien hemm preżenti wkoll Vincent Grech, li jiġi missier Ryan Grech. Dwar x'qallu l-allegat vittma, PS1227 Malcolm Pace stqarr li *l-vittma Ryan Grech beda jilmenta miegħi li min daħallu ġewwa d-dar kien seraqlu total ta' ħdax-il elf u mitejn Euro li kienu qegħdin imqassmin f'diversi postijiet. Qalli li min kien daħallu ġewwa d-dar kien jaf fejn kellu jfittex għall-fatt li mar ġewwa l-kamra tas-sodda tiegħu u minn taħt is-saqqu minn sitt kaxxi tal-kartun kienu ħadulu madwar sitt elef Euro u minn kaxxa oħra mill-gwardarobba li fiha kellu erbat elef Euro. Qalli wkoll li kellu handbag ta' l-irġiel tad-ditta Adidas li ġo fih kellu elf u mitejn Euro li kien jinsab fuq il-mejda tal-kamra ta' barra li wkoll serquh. Minn aktar stħarriġ, Ryan qalli li kien daħal id-dar għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu ta' l-24 ta' Novembru wara li kien spiċċa mix-xogħol tiegħu għaliex għandu ħanut tat-take-away bl-isem Southbite. Huwa qalli li mar id-dar dak il-ħin u miegħu kellu lil Ilona Grech. Wara li ħa shower reġgħu ħarġu u marru flimkien ġewwa l-Oyster Lounge li jinsab ġewwa Marsaxlokk. Qalli wkoll li kien induna li kienu daħlulu meta rritorna d-dar flimkien ma' Ilona u kienu għall-ħabta s-sebgħa ta' filgħodu. Hu kien induna li kien hemm il-bieb ta' barra sgassat. Meta jiena staqsejt lil Ryan Grech jekk kellux xi suspetti f'xi ħadd hu għall-bidu beda jgħid li ma kellu suspetti f'ħadd però f'mument minnhom qabeż missieru Vincent Grech fejn beda jilmenta li l-unika persuna li setgħat kienet taf fejn jinsabu l-flus, huwa ħadd ħlief l-ex tfajla ta' Ryan Grech li kienet spiċċat minn miegħu madwar xahar u nofs ilu. Wara ftit Ryan Grech beda jgħid li l-ex tfalja tiegħu Nicole Vassallo kien għad kellha kopja taċ-ċavetta tal-bieb tal-komun tal-flat però huwa qatt ma kien talabielha lura. Hu qal ukoll li hi kellha kopja taċ-ċavetta tal-bieb tad-dar però wara li r-relazzjoni tagħhom kienet spiċċat, kien biddel is-serratura ta' l-istess bieb. Qalli li fil-ħin li kienu jinsabu ġewwa l-Oyster Lounge, kien hemm l-ex tfajla tiegħu Nicole Vassallo, iżda għalkemm ma kienetx qiegħda meigħu, huwa seta' jara li kienet qiegħda hemm. Xi l-erbgħa ta' filgħodu, hu u Ilona kienu telqu minn Oyster Lounge u marru ġewwa l-Power Bar, Birżebbuġia, iżda ftit wara Nicole Vassallo kienet marret hemm ukoll.*

Minn investigazzjonijiet ulterjuri li għamel is-Surġent Pace rriżultalu li *ġewwa d-dar huwa kellu kelba. Innutajt ukoll li kull ma nsteraqlu kienu l-flus u dana għall-fatt ġewwa d-dar, speċjalment fil-kamra ta' barra ħdejn il-bieb ta' barra, kellu diversi oġġetti fosthom playstation 4, television u laptop li dawn ma kienux intmessu. Jien apparti dan kollu għamilt enquiries mal-ġirien ta' l-appartament fejn tkellimt mal-ġirien li huma bieb ma' bieb magħhom, ċertu Eric Pace, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 521985M, li joqgħod fil-flat number 1 bieb m'a bieb ma' Ryan Grech. Eric Pace qalli li bejn is-siegħa u nofs u s-sagħtejn u nofs ta'*

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 133 sa' 136 tal-proċess.

*filgħodu, huwa kien għadu ġej mix-xogħol u kien qiegħed id-dar beda jisma' l-istorbju mal-bieb ta' ġenbu kif ukoll beda jisma' l-kelba ta' Ryan tinbaħ, iżda dak il-ħin ħaseb li bħas-soltu, huma kienu qed jargumentaw. Wara ftit huwa ħareġ fil-gallarija jittawwal fejn kien ra l-vann ta' Ryan u l-karozza ta' Ilona kienu għadhom ipparkjati hemm u aktar seta' jikkonferma li kien xi argument bħal tas-soltu. Jien kellimt ukoll lil tal-flat number 3 ċertu Stefan Buschmann, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 170123A, fejn dan qalli li ma kien sema' xejn għax kien daħal jorqod kmieni. Kellimt ukoll lil tal-flat number 4, ċertu Claudia Xuereb, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità 13384(M), li qaltli ma kienet semgħat xejn.*

PS1227 Malcolm Pace żied jgħid illi huwa kien informa bl-akkadut lill-Ispettur Trevor Micallef, fejn dan a sua volta kien informa lill-Maġistrat ta' l-Għassa Dr. Caroline Farrugia Frendo, fejn infetħet Inkjesta u ġew nominati diversi Esperti, senjatament Joseph Azzopardi bħala Espert, Dr. Marisa Cassar bħala Seroloġista kif ukoll Scene of Crime Officers. Is-Surġent żied jgħid illi *min daħal ġewwa l-proprjetà seta' jagħmel użu minn żewġ postijiet, jew jitla' bil-lift jew jagħmel użu mit-taraġ komuni. Wara li rajt l-affarijiet ġewwa, ħassejt li għandi ninżel it-taraġ komuni u waqt li kont nieżel mit-taraġ, innutajt ingwanta disposable, waħda mill-ingwanti jiġifieri xi ħadd waqatlu u kont ġbidt l-attenzjoni tas-SOCO fejn wara li iffotograwha, elevawha minn fuq il-post.* Huwa ppreżenta r-rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz, liema rapport tħejja minnu, markat Dok. "MP" a fol. 137 sa' 143 tal-proċess.

In kontro-eżami PS1227 Malcolm Pace ddikjara li Ilona Grech ikkonfermat il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn Ryan Grech iżda qal ukoll li Ryan Grech fl-ebda ħin ma qallu li f'dik is-serata flimkien magħhom kien hemm Christian Sherif. Ikkonferma wkoll li fl-appartament kien hemm kelba żgħira u li l-ġarr li qal li sema' xi ħsejjes kien qal ukoll li l-kelba semgħha tinbaħ. Stqarr ukoll li mill-investigazzjonijiet ma rriżultax li kien hemm CCTV cameras li jaqbdu l-area tal-fond fejn seħħet is-serqa.

**Eric Pace** xehed fil-kors ta' l-Inkjesta Maġisterjali quddiem l-Espert Tekniku Joseph Azzopardi waqt seduta miżmuma fl-24 ta' Novembru 2019[31] u ddikjara li *jiena noqgħod bieb ma' bieb ma' Ryan. Ili noqgħod hawn flimkien mal-partner tiegħi u t-tewmin uliedna għal dawn l-aħħar sentejn u nofs. Jiena naħdem il-Freeport u lbieraħ is-Sibt, tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2019, ġejt lura mix-xogħol ftit qabel in-nofs siegħa ta' filgħodu (00:30a.m.). Ħriġt inpejjep sigarett fil-gallarija u smajt lil Ryan jitkellem u f'xi ħin wara smajt lil xi ħadd ħiereġ u għidt li Ryan u Ilona ħarġu. Għadda ftit tal-ħin erġajt smajt ħsejjes fil-komun u ħsibt li reġgħu lura. Bdejt nisma' xi ħsejjes u ħriġt nittawwal għal barra mill-gallarija u ma rajt xejn. Barra rajt il-vann ta' Ryan u l-karozza ta' Ilona u għalhekk ħsibt li kienu fl-appartament. Smajt ħoss qawwi qisu xi ħadd waqa' fl-art u ħriġt nittawwal mill-bieb ta' l-appartament tagħna. Il-komun kien fid-dlam u ma smajt ebda kliem u ftit tal-ħin wara rajt dawl fil-komun li kien ġej mix-xaft. L-ewwel ħaġa li rajt kien it-tapit tagħhom qabel ma titla' mit-taraġ. Erġajt lura ġewwa u dħalt fil-kamra tas-sodda u erġajt bdejt nisma' ħsejjes ta' bibien jinfteħu u*

[31] Fol. 84 u 85 ta' l-atti tal-Procès-Verbal bin-Numru 1050/2020.

*jingħalqu jew xi ħaġa simili u l-kelba twerżaq u tingħi. Ħsibt li kienu qiegħdin jiġġieldu bejniethom għax ġieli ġara hekk, għalkemm mhux b'daqshekk storbju. Għidt lil Fabienne li jekk ser jibqgħu jagħmlu l-istorbju inċemplilhom. Waqaf l-istorbju u għajnejja marret bija. Sirna nafu li kienet saret is-serqa meta għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu (7:00a.m.) ċemplitli Ilona u qaltli li kienu serquhom. Qomna niġru u ħriġna fil-komun u kellimna lil Ryan u Ilona li qalulna x'kien ġara.*

L-allegat vittma **Ryan Grech**[32] xehed illi nhar it-23 ta' Novembru 2019, kif lesta mix-xogħol fil-ħanut tal-pastizzi li għandu ġewwa Bormla, hu u t-tfajla tiegħu Ilona Galea u ħabib tiegħu ċertu Christian Sherif, marru fir-residenza tiegħu fejn hemm biddlu u reġgħu ħarġu. L-ewwel marru l-Oyster Lounge Bar, Marsaxlokk, u wara marru ġo bar Birżebbuġia u għall-ħabta tas-6:30a.m./is-7:00a.m. ta' l-għada filgħodu meta rritorna lura d-dar sab il-bieb ta' l-appartament imbexxaq. Xehed illi *ftaħt il-bieb, sibt ix-xambrelli tal-bieb ma' l-art, kien hemm il-quilt tal-kamra tas-sodda kienet taħt it-television u għedt dawn x'inhuma jagħmlu hawn. Għall-ewwel ma ndunajtx imbagħad dħalt ġol-kamra tas-sodda u għedt hawnhekk daħal xi ħadd. Kelli pouch bil-flus fuq il-mejda li kien fih ukoll I.D. Card u liċenzja, sparixxa, dħalt fil-kamra tas-sodda u nsib is-sodda miftuħa u l-flus li kienu taħt is-sodda ma kienux qegħdin hemm, il-kexxun ħarġulu l-wires minn ġo fih u daqshekk.* Huwa stqarr li *min daħal kien jaf fejn huma l-affarijiet. … Għax daħal dritt għalihom, kien hemm eżempju play station u affarijiet oħra ma ntmessux, daħal dritt għal taħt is-sodda u għall-gwardarobba.* Iddikjara li taqlib fid-dar kien hemm biss fil-kamra tas-sodda u b'kollox insterqulu €12,000, *kienu ġol-kaxxi għax kien ikolli ż-żgħar tal-ħanut nagħmilhom għalihom ġol-kaxxi jiġifieri min ħadhom qagħad joħroġhom minn ġol-kaxxi u kien hemm minnhom żgħar u ħa kollox, kull ma kien hemm five Euro waħda ma' l-art, kaxxi jiġru u kien hemm xi ħwejjeġ li kienu ma' l-art u kien hemm flokk partikolari li kien nieqes, dak biss. … Just flokk aħmar li kien hemm u ma sibtux hemm, ma nafx x'inhi r-raġuni. … Il-flus kienu taħt is-sodda u ma ġenb is-sodda kien hemm gwardarobba u ma' l-ewwel bieba kien hemm żewġ kaxxi ma' l-ixkaffa ta' fuq. … Kelli kaxxi kien fihom elf u elf, kien hemm minnhom kien fihom iktar, per eżempju kelli kaxxa oħra li kien fiha bott li kien fih kważi tliet elef Euro u xi flus oħra jiġru ġol-bottijiet. … Żewġ kaxxi, kien hemm xi ħames kaxxi taħt is-sodda, kien hemm żewġ kaxxi fil-gwardarobba, kien hemm waħda biż-żgħar u kien hemm oħra, kien hemm oħra warajha li kien fiha tliet bottijiet, plus il-flus li kelli ġol-pouch fuq il-mejda. … Fuq il-mejda qisu kien hemm xi elfejn oħra. … B'kollox tnax-il elf jiġu.*

Ryan Grech xehed illi dakinhar fil-postijiet fejn kien qiegħed jiddeverti kien ra wkoll lil Nicole Vassallo. Iddikjara wkoll li fiż-żmien meta kien qed jagħti x-xhieda tiegħu huwa kien f'relazzjoni ma' din Nicole Vassallo. In kwantu rigwarda l-imputat huwa għarfu iżda ddikjara li jafu biss minn wiċċu għaliex ġieli raħ għaddej minn quddiem il-ħanut tiegħu u li jaf li jismu Victor. In kontro-eżami kkonferma li fir-rigward tas-serqa in kwistjoni huwa kellu suspetti f'Nicole Vassallo u ddikjara wkoll li qabel l-akkadut huwa già kien f'relazzjoni magħha iżda kienu ħassru xi ħmistax, tlett ġimgħat qabel is-serqa u reġa' qabad ir-relazzjoni magħha madwar ħmistax, tlett ġimgħat wara din is-serqa. Fir-rigward ta x'qaltlu Nicole Vassallo dwar is-serqa u l-

[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 125 sa' 132 tal-proċess.

involviment tagħha fil-kwistjoni, Ryan Grech xehed illi *lili qaltli dan il-kliem li qalet il-Pulizija li lilha kien ġie sabha missier it-tifel tagħha fuq iż-żuntier* (ossia Marflene Cricchiola) *insomma fejn il-knisja, staqsieha fuqi u dakinhar tas-serqa qalet li rċeviet xi telefonati jew xi messaġġ. … Mingħand min eżatt, jew mingħand missier it-tifel jew mingħand xi ħadd minnhom, imma mingħalija mingħand missier it-tifel. S'hemmhekk naf u lili ma qaltli xejn iktar.*

Fil-kontro-eżami ulterjuri li sarlu fis-26 ta' April 2022[33], Ryan Grech stqarr li għalkemm ittieħdu passi kriminali fil-konfront ta' Nicole Vassallo in konnessjoni ma' l-allegata serqa mertu ta' dawn il-proċeduri, f'dawk il-proċeduri huwa xehed li ma jrid xejn fil-konfront tagħha u dana għar-raġuni li huma għandhom tifla bejniethom. Stqarr ukoll li hu personali għadu ma ħa l-ebda passi la fil-konfront ta' Nicole Vassallo u lanqas fil-konfront ta' Marflene Cricchiola. Xehed ukoll li Nicole Vassallo ma rritornatlu xejn minn dak li nsteraqlu u lanqas qaltlu għandi min qegħdin il-flus. Ikkonferma wkoll li lill-imputat jafu sempliċement għaliex kien jarah għaddej.

**Charmaine Zammit**[34], in rappreżentanza ta' Vodafone Malta Limited, ippreżentat CD kontenenti l-informazzjoni fir-rigward tan-numri tal-mobile 99742806, 99315060 u 99857743 kif ukoll il-*call logs* u *localisation* tagħhom - Dok. "CZ" a fol. 145 tal-proċess. Mill-informazzjoni ppreżentata minn Charmaine Zammit ma jirriżultax fuq min huwa rreġistrat in-numru 99742806 madanakollu però l-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li minn provi oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluż l-analiżi effettwata mill-Espert Tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco u mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija Eżekuttiva, jirriżulta li l-imsemmi numru huwa tal-mobile ta' l-imputat. In-numru 99315060 jinsab reġistrat fuq isem Annalise Dark residenti l-Isla iżda l-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li minn provi oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni senjatament l-istqarrija rilaxxata minn Nicole Vassallo, jirriżulta li n-numru in kwistjoni huwa tal-mobile ta' l-imsemmija Nicole Vassallo. In-numru 99857743 jinsab reġistrat f'isem Luke Chricciola residenti St. Michael, Triq Hanover, Bormla.

Mill-*call logs* fir-rigward tan-numru **99742806** jirriżulta li:

- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'00:04:18 sar tentattiv ta' telefonata minn fuq dan in-numru lin-numru 99315060 iżda jidher li t-telefonata ma ġietx imwieġba;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'00:04:53 sar tentattiv ieħor ta' telefonata minn fuq dan in-numru lin-numru 99315060 iżda jidher li t-telefonata ma ġietx imwieġba;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'00:05:52 intbagħat SMS minn fuq dan in-numru lin-numru 99315060;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'00:06:13 saret telefonata minn fuq dan in-numru lin-numru 99315060 li damet disgħin sekonda;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-01:05:19 saret telefonata oħra minn fuq dan in-numru lin-numru 99315060 li damet sitt sekondi;

[33] Fol. 378 u 379 tal-proċess.

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 144 tal-proċess.

- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-01:05:27 sar tentattiv ta' telefonata minn fuq dan in-numru lin-numru 99315060 iżda jidher li t-telefonata ma ġietx imwieġba;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-01:06:37 saret telefonata oħra minn fuq dan in-numru lin-numru 99315060 li damet erba' sekondi;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-01:41:16 saret telefonata minn fuq dan in-numru lin-numru 99857743 li damet għoxrin sekonda. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99742806 kienet timmarka Marsaxlokk_3G_B_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-01:42:10 saret telefonata min-numru 99315060 lin-numru 99742806 li damet tlettax-il sekonda. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99742806 kienet timmarka San_Lucjan_3G_A_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-01:42:41 saret telefonata oħra minn fuq dan in-numru lin-numru 99857743 li damet erbgħa u għoxrin sekonda. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99742806 kienet timmarka San_Lucjan_3G_A_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-01:52:48 saret telefonata oħra minn fuq dan in-numru lin-numru 99857743 li damet sitta u għoxrin sekonda. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99742806 kienet timmarka Marsaxlokk_3G_B_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-02:02:06 sar tentattiv ta' telefonata minn fuq dan in-numru lin-numru 998577743 iżda jidher li t-telefonata ma ġietx imwieġba. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99742806 kienet timmarka Delimara_3G_C_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-02:03:44 sar tentattiv ta' telefonata minn fuq dan in-numru lin-numru 998577743 iżda jidher li t-telefonata ma ġietx imwieġba. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99742806 kienet timmarka MXlokk_Seashell_3G_A_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-02:05:23 sar tentattiv ta' telefonata minn fuq dan in-numru lin-numru 998577743 iżda jidher li t-telefonata ma ġietx imwieġba. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99742806 kienet timmarka Zejtun_5_3G_B_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 fis-02:07:32 saret telefonata oħra minn fuq dan in-numru lin-numru 99857743 li damet tlieta u tletin sekonda. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99742806 kienet timmarka Zejtun_5_3G_C_F1.

Dejjem mill-informazzjoni provduta minn Charmaine Zammit jirriżulta li bejn in-numru 99742806 u n-numru 99857743 kien hemm tentattivi ta' kuntatt fil-ġranet preċedenti għall-24 ta' Novembru 2019, ossia fit-22 ta' Novembru 2019 fil-23:03:24, 23:03:32, 23:12:37 u 23:28:41 u kien hemm ukoll kuntatt, bl-*originating call* ġejja min-numru 99742806, bejn dawn iż-żewġ numri fid-data imsemmija fi 23:18:51 u 23:26:44.

Mill-*call logs* fir-rigward tan-numru **99315060** jirriżulta li:

- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'00:05:54 dan in-numru rċieva SMS min-numru 99742806. Dan essenzjalment jikkonferma dak già iktar 'l fuq osservat;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'00:06:13 dan in-numru rċieva telefonata, li damet wieġed u disgħin sekonda min-numru 99472806. Dan ukoll essenzjalment jikkonferma dak già iktar 'l fuq osservat. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99315060 kienet timmarka Marsaxlokk_3G_B_F2;

- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'01:05:27 sar tentattiv ta' kuntatt min-numru 99742806 lin-numru 99315060 iżda jidher li din it-telefonata ma ġietx imwieġba. Dan essenzjalment jikkonferma dak già iktar 'l fuq osservat. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99315060 kienet timmarka Marsaxlokk_3G_B_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'01:42:10 saret telefonata minn fuq dan in-numru għan-numru 99742806 li damet tnax-il sekonda. Din it-telefonata tirriżulta wkoll mill-*call logs* tan-numru 99742806. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99315060 kienet timmarka Marsaxlokk_3G_B_F1;

Mill-*call logs* fir-rigward tan-numru **99857743** jirriżulta li:

- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'01:41:16 dan in-numru rċieva telefonata min-numru 99742806 li damet wieħed u għoxrin sekonda. Dan essenzjalment jikkonferma dak già iktar 'l fuq osservat. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99857743 kienet timmarka MScala_Highlands_3G_C_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'01:42:41 dan in-numru rċieva telefonata oħra min-numru 99742806 li damet erbgħa u għoxrin sekonda. Dan essenzjalment jikkonferma dak già iktar 'l fuq osservat. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99857743 kienet timmarka MScala_Highlands_3G_C_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'01:52:48 dan in-numru rċieva telefonata oħra min-numru 99742806 li damet sebgħa u għoxrin sekonda. Dan essenzjalment jikkonferma dak già iktar 'l fuq osservat. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99857743 kienet timmarka Bellavista_B;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'02:02:06 dan in-numru rċieva telefonata oħra min-numru 99742806, iżda din ma ġietx imwieġba. Dan essenzjalment jikkonferma dak già iktar 'l fuq osservat. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99857743 kienet timmarka Żejtun_BandClub_3G_C_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'02:03:45 dan in-numru rċieva telefonata oħra min-numru 99742806, iżda din ma ġietx imwieġba. Dan essenzjalment jikkonferma dak già iktar 'l fuq osservat. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99857743 kienet timmarka Bulebel_3G_A_F1;
- Fl-24 ta' Novembru 2019 f'02:07:31, dan in-numru rċieva telefonata oħra min-numru 99742806 li damet erbgħa u tletin sekonda. Dan essenzjalment jikkonferma dak già iktar 'l fuq osservat. Il-*localisation* tal-mobile bin-numru 99857743 kienet timmarka Gallarija_A.

Minn din l-istess informazzjoni wkoll jirriżulta li bejn in-numru 99742806 u n-numru 99857743 kien hemm tentattivi ta' kuntatt fil-ġranet preċedenti għall-24 ta' Novembru 2019, ossia fit-22 ta' Novembru 2019 fil-23:03:24, 23:03:32, 23:12:37 u 23:28:41 u kien hemm ukoll kuntatt, bl-originating call ġejja min-numru 99742806, bejn dawn iż-żewġ numri fid-data imsemmija fi 23:18:51 u 23:26:44.

**Johan Carter**[35], Senior Correction Officer ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, ippreżenta *recording* ta' telefonata li l-imputat għamel ma' persuna fuq in-numru 27822032, fis-26 ta' Awwissu 2020[36]. Il-Qorti semgħet il-konvesrazzjoni u din

[35] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020, fol. 146 sa' 149 tal-proċess.

[36] Dok. "JC" a fol. 150 tal-proċess.

essenzjalment kienet f'dan is-sens (hawn il-Qorti stess qed tittraskrivi dak li jirriżulta mir-recording in kwistjoni):

- Persuna mhux identifikata tgħarraf lill-imputat li mar ikellem lil dak tas-serqa - ossia lil Ryan Grech - u jgħid *għedtlu għalfejn qed tigdeb li serquk, issa ifhimni inti, għedtlu għalfejn ma tiġix għand l-Ispettur tgħidlu għall-inqas li mhux vera serquk;*
- L-imputat waqqfu mill-ewwel u qallu *le hemm problema, hemm problema … jiena taf li tlajt … dak immatċċja, immatċċja kollox hemmhekk, ippreżenta kollox. Issa l-mobile tiegħi ntbagħat messaġġ "Jien Marf" … lilha. Issa hi ammettiet għandhom recording u ressquha b'ċitazzjoni. … Issa hi lil Marflene kixfitu hi li Marflene beda jdejjaqha biex jisraqha fhimt u sabu fejn huma l-affarijiet, li qalleb fil-kamra tas-sodda biss fejn tatu hi, fhimt għandu kollox. Issa hu beda jgħid li issa Marflene imissu, fhimt għandu biex iressqu fuqha, fhimt mhux fuqi għax jien fuqi ma tmajtux, fhimtni, qallu imma bid-diskors tagħha għandi fejn inressaq lil Marflene.*
- Persuna mhux identifikata: *Issa hi għax jien tkellimt magħha, hi qalet li mhux kif qal hu eżatt le, li għedtlu m'hemmx biex iressqu l-Qorti, kull ma għedtlu li Marflene beda jitkellem magħha.*
- Imputat: *Le, lil Marflene tatu t-tip hi.*
- Persuna mhux identifikata: *Le mhux hekk imma.*
- Imputat: *Hu hekk xehed, għax imbagħad beda jkellem lill-avukat. Huwa xehed hekk, kif qed ngħidlek jiena xehed … l-Ispettur. Xehed li hi qaltilhom li inti kellek x'taqsam, li inti kont iċċemplilha, … imbagħad sabu l-mobile tiegħi li jiena bgħatt "Jiena Mel" fhimt, li Marflene hu dak. Jien hekk għedtilhom, għedtilhom jien selliftulu l-mobile, fhimt jiġifieri s'hemm, imma imbagħad huwa qalilhom għandi biex inressqu u fil-jiem li ġejjin ħa nressqu.*
- Persuna mhux identifikata: *Issa jien mort inkellem lill-Avukat, issa għidli x'tagħmel int ħalli jiena jkolli moħħi mistireh halli mhux … Marflene hekk hekk u hekk. Qalli isma minni, tih chance ħa jieħu l-bail.*
- Imputat: *Ma nistax imma man.*
- Persuna mhux identifikata: *Naf, iva naf. Jien jekk ħa tgħidli mur, ħa mmurlek.*
- Imputat: *28 ta' Settembru għandi.*
- Persuna mhux identifikata*: Naf imma jekk titfa' rikors ma' l-Imħallef, sa' għaxart ijiem jilqagħulek. … Qalli jekk Marflene vera seraq ….. għax Marflene għandu jkun għandu xi recording li Ryan jgħid li mhux vera seraq, kull ma għamlu skussawlu l-bieb tad-dar u daqshekk.*
- Imputat: *Imma l-ingwanta tiegħi fil-komun kienet ta. … L-ingwanta tad-DNA tiegħi, jien ma nafx kif ġiet fil-komun.*
- Persuna mhux identifikata*: Mhux problema għalik għax Marflene kien qabbad lil wieħed imur jisskussalu l-bieb tad-dar ifhimni. Marflene mar qabbad lil wieħed biex jifqalu l-bieb tad-dar.*
- Imputat: *Imma l-ingwanta tiegħi għal xiex intefgħet fil-komun.*
- Persuna mhux identifikata*: Ismani, issa Marflene lil dan li qabbad tah par ingwanti, għax Marflene hekk ħa jgħid fil-verità.*
- Imputat: *Allura għalxiex ma tmurx tgħidlu inti li jiena qabbadt lil dan il-bniedem biex….*

- Persuna mhux identifikata*: Għax jekk nagħmel hekk issa, jien kif tgħidli nagħmel, kif tgħidli nagħmel ħa jagħmlu ….*
- Imputat: *Ħa ngħidlek x'tgħidlu, għidlu ismani, jien qabbad lil wieħed biex hekk, kif qed tgħidli inti, għidlu ħalla ingwanta. Għidlu issa l-ingwanta, lili kien sellifni par ingwanti minħabba l-mutur u flat bar, għidlu biex nirranġa l-mutur, biex nagħmillu stand, tiftakar kont selliftni inti flat bar u par ingwanti biex biddilu ż-żejt meta ġibnieh minn hemmhekk, mill-Fgura.*
- Persuna mhux identifikata*: Prosit, prosit. Issa l-biċċa qiegħda hawnhekk. Jekk Marflene jagħmel hekk ħa jressaqkom it-tnejn.*
- Imputat: *Imma għaliex ħa jressaqna t-tnejn?*
- Persuna mhux identifikata: *Allavolja Marflene jgħidlu li vera Victor ma għandux x'jaqsam għax Marflene, li għandi provi li qabbad lil xi ħadd jiskussalu l-bieb. Qalli ħa jdħallakom hemm it-tnejn, qalli ….*
- Imputat: *Imbagħad hemm iż-żewġ mobiles.*
- Persuna mhux identifikata: *Iż-żewġ mobiles Marflene ħa jgħid li kienu għandu, tħabbilx rasek.*
- Imputat: *Mela għamilli pjaċir, mur ma' Ritianne llum għand l-avukat tiegħi u fehmu din il-mossa.*
- Persuna mhux identifikata qal lill-imputat li jrid jagħti l-persuna lill-avukat tiegħu biex ikellmu u l-imputat wieġeb li mhux problema kemm jgħidu lill-avukat iċempillu u jagħtih il-permess dak il-ħin.
- Imputat: *Għid lill-avukat tiegħek itiħ l-istorja, jiġifieri x'għandu jgħidlu lill-avukat u jgħid lill-avukat fhimtni.*
- Persuna mhux identifikata*: Għalhekk l-avukat tiegħi qalli tmurx inti għaliex jekk idaħlukom it-tnejn, qalli jekk joħroġ Victor minn hemmhekk, nistgħu nqabblukom avukat ma' avukat, raġel ma' raġel u lil Victor noħorġu b'xejn. … Marlfene għalhekk qed jagħmilha, biex hu joħorġok b'xejn.*
- Imputat: *Issa ismagħni. Inti stennieh li ħa jiġi ma xi ħin, allright. Issa x'ħin ħa jiġi għidlek bah, bah, bah, bah, għidlu mhux problema, għidlu ġibu, fhimt. Allright.*
- Persuna mhux identifikata*: Prosit, prosit, prosit.*
- Imputat: *Għax jiena dejjem ħallejt lilek ħa nara x'se tagħmel inti.*
- Persuna mhux identifikata*: Imma neħħiha minn moħħok fhimt, jien ħa nipprova nagħmel minn kollox….*
- Imputat: *Imma Marflene jaf huwa, Marflene jaf li jien innoċenti.*
- Persuna mhux identifikata*: U żgur li Marflene jaf li int ma għamilt xejn. Fuq il-mobile lil Marflene qalli Victor ma għamel xejn, qalli jien kont qabbadt wieħed beix imur itih daqtejn lil Ryan. Marflene ħa jgħid vera għandi xi recordings li Ryan jgħid li ma serqulu xejn mid-dar, dik vera qiegħda għandu.*

L-**imputat**[37] minn jeddu xehed illi hu u Marflene Cricchiola kienu ħbieb, kien imur ħdejh il-ħanut tiegħu ġewwa Bormla u kif jagħlaq il-ħanut kienu jmorru l-gym flimkien. Stqarr illi *konna mmorru l-gym u konna ħbieb sewwa u anke ġieli nsejt il-mobile fil-karozza tiegħu jiġifieri kienet xi ħaġa regolari. Darba minnhom, kien jidħol għandi u hu jaf li għandi baskett tal-Lidl bl-ingwanti, kont għidtlu lill-Ispettur bihom. … Minħabba l-klieb u l-puppies biex ma mmisshomx b'idejja għax*

[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020, fol. 216 sa' 231 tal-proċess.

*meta jkunu babies ma tistax tmisshom inti b'idejk u kelb wieħed trid ittih 4 darbiet jiġifieri mhux ħa toqgħod tarmi l-ingwanti, irrid inħallihom hemmhekk u għandi baskett jiġifieri kollu. Hu kien jaf li għandi l-ingwanti għax hu kien jidħol għandi spiss.*

L-imputat stqarr li l-indirizz tar-residenza tiegħu huwa 5, Fuq Verdala, Bormla, u li darba minnhom Marflene Cricchiola kien talbu par ingwanti u flat bar sabiex jagħmel service tal-mutur u flat bar u hu tahomlu. Żied jgħid illi *tajtu l-ingwanti u tajtu flat bar normali u mietet, ma kontx naf jien x'inhu jsir fil-verità. Darba minnhom ġie b'mutur u qalli ħa inċempel waħda imma ma kontx naf il-ġurnata u jiena għedtlu ħa tista' iċċempel. Ċempel u ħadu miegħu l-mobile għax dan kemm-il darba nsejtu l-mobile imbagħad iġibuli.* L-imputat stqarr li huwa ma kienx jaf dwar dan il-każ u sar jaf bih biss meta Marflene Cricchiola qallu li l-Pulizija kienu arrestaw lill-ex tfajla tiegħu Nicole Vassallo. Stqarr illi *lil Marflene … qaltlu arrestawni u qaltlu qegħdin isemmu lilek u lil wieħed Victor ma nafx minu hu, li sraqtu intom. … il-Pulizija qegħdin iwaħħlu f'Victor u f'Marflene għax Victor ikkomunika magħha bit-telefonati. Issa jiena lilha lanqas biss nafha u qatt ma kellimtha wkoll. Lanqas kont naf li hija l-għarusa tiegħu jien u issa sirt naf li hi mill-Isla għax ma kellix idea tagħha jiena. Ġie Marflene u qalli isma' hemm problema żgħira, qalli l-Pulizija se jinvestigawk minħabba t-telefonati. Jiena għidtlu kif imma u hu qalli għax cempilt mill-mobile tiegħek. Għidtlu b'daqshekk jiena m'għamilt xejn ħażin imma hu qalli le biex ngħidlek imma. Għidtlu x'hemm jiġifieri u qalli telefonati u għidtlu allright jiena. … Imbagħad reġa' ġie wara xi jumejn u beda jgħidli l-istorja. … Marflene qalli isma' jiena kont għamilt biċċa xogħol u tagħtni t-tip l-ex tfajla għax huma kienu ħassru. … Ryan kien ħassar minn mat-tfajla. … Issa huma, skond Marflene, bejn Nicole u Marflene dejjem kien hemm qisu relazzjoni bil-moħbi u dejjem kien hemm il-kuntatt. Reġa' ġie fuqi u qalli isma' għax jiena għamilt biċċa xogħol u tagħtni t-tip u nsomma beda jgħidli li tagħtu t-tip. … għall-ewwel riedet tagħmilha imbagħad ma riditx u beda jisfurzaha. Huwa beda jgħidilha minħabba l-baby eżempju biex tixtri l-pram.* Mistoqsi mill-Qorti x'tip tatu Vassallo lil Cricchiola, l-imputat wieġeb *tip għas-serqa. Hu xtaq iċ-ċwievet skond kif qalli Marflene imma ċ-ċwievet ma ġabithom qatt. Hu taħ f'moħħu li jagħmilha u għamilha. Imbagħad jiena għidtlu imma ismani, imma jiena x'għandi x'naqsam u qalli minħabba t-telefonata u jiena għidtlu jekk jgħidli xi ħaġa, jiena se nsemmik li inti ċempilt u qalli iva. Għidtlu allright mela m'għandix problema jiena. Insomma għaddew xi xahar u dan Marflene dejjem beda qisu jiġi ħdejja u jaqbadhieli fuqha din il-ħaġa imma jiena fil-verità qisu ma kellix x'naqsam u ma kienx jinteressani. Jiena kien se jgħajjatli l-Ispettur u kont se ngħidlu iva, isma' l-mobile użah Marflene li hekk ġara, fi x'ħin għajjattli l-Ispettur jiena għidlu isma l-mobile użah Marflene.* L-imputat xehed illi Marflene Cricchiola lilu qallu li daħal fil-fond indikat lilu minn Vassallo u dak li indikatlu huwa sabu.

Meta bagħtu għalih il-Pulizija u l-Ispettur infurmah li kien qed jinvestigah fuq serqa, l-imputat jgħid illi *m'aċċettajtx jiena u għidtlu dan il-każ mhux tiegħi jiena. Qalli mhux tiegħek kif u għidtlu le mhux tiegħi dan il-każ u bqajt ninsisti miegħu li dan il-każ mhux tiegħi u ma ridt nisma' xejn, lanqas it-triq ma ridt inkun naf. Imbagħad għedtlu isma' ħudli d-DNA jekk hemm xi ħaġa fuqi u qalli iva ħa*

*neħodlok id-DNA. Għamilli Police Bail u tani appuntament. Jiena ħriġt, mort id-dar, ċempilli Marflene u staqsieni jekk hux allright għax jiena qabel ma' mort ċempiltlu u għidtlu l-Ispettur ċempilli nasħeb fuq il-każ tiegħek u għidtlu se insemmik jiena u qalli iva mhux problema. Fi x'ħin ħriġt u wasalt id-dar ċempitlu, ġie ħdejja Marflene u għidtlu ismani Marflene, għidtlu la l-Ispettur aċċetta biex jeħodli d-DNA, għidtlu hemm xi ħaġa elevata biex dan se jeħodli d-DNA. Qalli m'għandu xejn u qalli li l-ingwanti ħariġhom miegħu u xejn ma ħalla warajh.* Mistoqsi mill-Qorti għalxiex Cricchiola kien uża l-ingwanti, l-imputat wieġeb *naħseb biex jisraq, ma nafx jiena. Jiena lili qalli ħadt kollox warajja, jiġifieri l-ingwanti ħadhom miegħu u ħa kollox miegħu. … Qalli jiena ma ħallejt xejn warajja u qalli li allura l-Ispettur qiegħed jibblaffja. Qalli m'għandu xejn u għidtlu allright jiena. L-Ispettur reġa' bagħat għalija, jiena erġajt mort u rċieva li kien hemm id-DNA ta' l-ingwanta u jiena għidtlu li le ma jistax ikun. Jiena qatt ma rajtha l-ingwanta u qisni bdejt naħseb li l-kliem ta' Marflene huwa realità. Qabel ma qalli hekk, Marflene qalli jekk jiġri xi ħaġa, minn dejjem qalieli din, qalli mmur għand l-Ispettur jiena u nammetti kollox u lilek naqilgħek il-barra.* Mistoqsi mill-Qorti jekk l-ewwel darba li bagħat għalih l-Ispettur kienx infurmah bl-involviment ta' Marflene Cricchiola, l-imputat wieġeb *le, jiena lill-Ispettur bqajt nagħfsu li jiena m'għandix x'naqsam miegħu dan il-każ u jiena ma qagħadx insemmi lil Marflene u hekk. … Jiena sa' l-aħħar darba bqajt ma semmejtux. Jiena kull ma għidtlu lill-Ispettur, għidtlu isma' Marflene ċempel mill-mobile tiegħi u għidtlu mhux jiena użajtu. Imbagħad irriżultajnieh aħna hawnhekk għax anke l-messaġġ. … Anka t-tieni u t-tielet. Imbagħad it-tielet ġabuli, l-Ispettur jiġifieri pprova jfehmni u qalli bħal speċi inti se teħel ta' kollox u bħal speċi kollox f'idi se jiġi għax fuqi hemm. … Qabel lili beda jftehmni x'jista' jiġi jiġifieri beda jtini t-triq l-Ispettur imma jiena qisni bqajt b'dik il-mentalità li l-Ispettur, la m'urinix l-ingwanta, m'għandu xejn. L-Ispettur ġabli lil Marflene d-Depot u Marflene qallu li l-mobile użah imbagħad staqsieh mela inti sraqtu u qallu le, qallu mela zijuk u qallu le u qallu meta Victor, qallu se tħallih imur il-ħabs, u ma tkellimx. Dar lejja u qisu tani dik it-themiża lili u qgħadt kwiet jiena jiġifieri lanqas għamilt mossa u għidt issa naraw jiena. Ressaqni l-qorti u tagħtni għall-ħabs.*

L-imputat żied jgħid illi meta daħal il-ħabs huwa qabbad lil ċertu Felice jagħmel kuntatt ma' Marflene Cricchiola għax *Marflene kien qalli li jekk jiġri xi ħaġa, qalli jiena mmur għand l-Ispettur u nammetti. Jiena jiġifieri ġegħltu jċempel, huwa ammetta li se jmur għand l-Ispettur u bqajt b'dik it-tama sal-lum il-ġurnata.* L-imputat jgħid li dan id-diskors ma' dan Felice sar fl-20 ta' Awwissu 2020 u imbagħad fis-26 ta' Awwissu 2020 l-imputat jgħid li ċempillu hu u f'din it-telefonata *ammetta wkoll. Hemmhekk hemm li anke hu qalli, l-ewwel qalli ħa immur għand l-avukat, jiena x'għditlu għand avukat, għidtlu int għand l-Ispettur trid tmur u qalli iva, ħa mmur u nammetti u qatt ma sar xejn. Imbagħad wara dan kollu, qiegħed il-ħabs jiena, dejjem qed nistenna li dan Marflene jmur, inċempel lil tal-familja u nistaqsihom jekk marx Marflene, għamel qisu l-ewwel ġimgħa jmur hemmhekk. … Id-dar biex ma nikxfux biex bħal speċi ma ngħidx fuqu jien imma jiena ma stajtx għax jiena għandi t-tifla u ma stajtx ma nagħmilx dawn l-affarijiet jiena anke l-ewwel darba li tlajt jiġifieri mhux illum imma mill-ewwel darba li tlajt, mill-18, ridt nixhed mill-ewwel għax dak il-każ mhux tiegħi.* L-imputat stqarr ulterjorment illi *issa sakemm kont qiegħed il-ħabs Marflene għamel*

*CD, għamilha hu taparsi Ryan Grech, taħa lill-ex tfajla tiegħi li kelli, id-dar tefagħha, ma nafx jekk hux lill-ex tfajla jew lill-kunjatu, tahom CD taparsi s-serqa. Is-CD ma smajthiex jiena imma taparsi qed jitkellem dan Ryan Grech imma ma nafx kif qiegħda u jiena xtaqt li nagħtihielu lill-Ispettur. Ċempilt kemm-il darba mill-ħabs jiġifieri ngħid lil tal-ħabs biex ikellmu lill-Ispettur biex inkellmu u qatt ma kien hemm dik il-konnessjoni li nitkellem ma' l-Ispettur.*

In kontro-eżami l-imputat saħaq li huwa ma kien jaf xejn dwar is-serqa u li sar jaf biha madwar sena wara. Iddikjara wkoll li kellu żewġ mobiles u bħala spjega kif wieħed minnhom skontu spiċċa fil-pussess ta' Marflene Cricchola ddikjara *huwa l-ewwel qalli ħa nċempel għalhekk kont għidtlek l-ewwel telefonata u bqajt ninsissti miegħek li l-ewwel telefonata saret mill-Verdala għax inti kont għidtli miż-Żejtun u għidtlek le. Għidtlek le, l-ewwel telefonata mill-Verdala saret. ... għax huwa kien ċempel minn tiegħi mill-Verdala u telaq bil-mobile. Issa ma nafx il-ġranet għax jiena kemm-il darba ħallejt il-mobile għandu jiġifieri din regolari kważi kienet. Kont immur il-gym, biex ma nimxix naqra għax fejn il-gym noqgħod, kien jiġi għalija, kont nitla' fil-karozza, inħalli l-mobile u ċ-ċwievet imbagħad kont nimxiha lura jew kont ninsih il-mobile. Jiġifieri dak il-mobile lanqas għamilt użu minnu jiena għax anke kif nistgħu naraw hemmhekk, kieku fuq il-messaġġ ngħidilha "Jiena Victor" mhux "Jiena Marf", kieku użajtu jiena. ... Jiena l-mobile tiegħi għand Marflene żgur kien anke intom stess tistgħu tarawh għax il-messaġġ Marflene bagħtu. Issa jekk hu kellu tlieta oħra miegħu, dik ma nafhiex. .... Hu kien ġie ħdejn id-dar tiegħi u qalli biex iċempel, resaq 'l hemm jiġifieri ma qgħadx ħdejja, ċempel u telaq. ... telaq bil-mobile b'kollox. Ilni ngħidu dan id-diskors mill-bidunett li telaq bil-mobile b'kollox. ... ma ċempiltlux għax din regolari kienet tiġri u l-għada dejjem ġabuli.*

Fir-rigward ta' l-ingwanta li nstabet fil-komun ta' Kastellan Court, u tal-fatt li ġie riskontrat id-DNA tiegħu fi u fuq din l-ingwanta, l-imputat iddikjara *hemm spjegazzjoni oħra dan il-bniedem jista' jkun li libes 2 pari ingwanti, libes par ingwanti u libes par ingwanti oħra u jista' jkun li fi x'ħin neżagħhom waqgħatlu waħda minn ta' fuq għax kieku mmarkatlu. Aħna ma nafux jekk kellux erbgħa jew tnejn ingwanti. Jiena għalhekk qed ngħidlek dan għax jiena moħħi fqajtu. Din għaliex kellu jagħmilha? Għaliex bla skop, kellu jagħmilha? U kieku għamiltha jien veru, id-DNA allura ma kienx jitla' 90 jew 95? Id-DNA kemm tela'? Id-DNA li tela' antik kien.* Fir-rigward il-kwistjoni tal-mobile stqarr ulterjorment *jiena mhux ħadli il-mobile imma tajtu l-mobile. Anke quddiemek hu stess qallek li l-mobile ħadu jiġifieri hu stess ammetta quddiem l-Ispettur li l-mobile kien qiegħed għandu. M'hemm xejn iktar tgerfix għax għandu kien il-mobile u ammetta hu stess. Jiena ammettejt li jiena tajtu l-mobile u għidtlek li lil Marflene Cricchiola tajtu, jiena semmejtulek għax inti bdejt tagħfasni biex insemmilek u għedtlek li l-mobile għand Marflene kien u ma semmejtlek xejn iktar, fuq il-mobile. Ġie Marflene u qallek iva, il-mobile għandi kien. Jiġifieri dan Marflene mhux ħa jgħidlek għandi, jekk ma seraqx hu u sraqt jiena, kieku ħa jiġi jgħidlek għandi biex jieħu s-serqa hu? Imma jekk vera kien għandu, għandu kien u biex niġi iktar emnut kien hemm il-messaġġi ukoll.*

Għall-mistoqsija *llum inti tixhed hawn, għalfejn meta anke l-Ispettur, għax qalha l-Ispettur, meta l-Ispettur ġab quddiemek għall-konfront lil Marflene Cricchiola, għalfejn inti ħassejt li dan li qed tgħidilna llum, ma qbadtx u għidtu dakinhar?* l-imputat wieġeb *għax jiena l-prova ta' l-ingwanta qatt ma rajtha u jiena kont daħħalt f'moħħi, kif qalli Marflene, illi qed jibblaffja u jiena qgħadt kwiet s'hemmhekk. Fi x'ħin l-Ispettur ippreżenta d-dokument li sabu d-DNA, araw dik il-ġurnata u araw it-telefonata. Hemmhekk imbagħad jiena bdejt noqmos għax hemmhekk hu jrid imur u qatt ma mar. Dejjem ħa jmur, ħa jmur u ħa jmur u qatt ma mar. Tistgħu taqbdu mit-20 sa' llum il-ġurnata u taraw il-kuntatti tiegħi miegħu, dejjem fuq hekk kienu biex imur.*

L-**Avukat Alexander Scerri Herrera**[38] ppreżenta t-traskrizzjoni ta' l-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija Eżekuttiva fis-17 ta' Awwissu 2020 - Dok. "ASH1" a fol. 238 sa' 287 tal-proċess. Mill-istqarrija jirriżultaw is-segwenti punti:

- L-imputat caħad kwalunkwe involviment fis-serqa li dwarha kien qed jiġi investigat di fatti mistoqsi jekk riedx li l-Pulizija joħduh fuq il-post fejn seħħet l-allegata serqa huwa wieġeb *le m'għandix għalfejn immur hemm. M'għandix għalfejn immur hemm għax il-każ mhux tiegħi, Ma jinteressanix u m'għandekx għalfejn turini dak ir-ritratt terġa'.*
- L-imputat ikkonferma li n-numru tal-mobile tiegħu huwa 99742806 u rinfaċċat bil-fatt li l-Pulizija kellha f'idejha provi li juru li dak il-mobile rriżulta fuq ix-xena tad-delitt fil-ħin ta' l-allegata serqa u li l-Pulizija kellha wkoll fil-pussess tagħha prova li turi li nstab id-DNA tiegħu fuq il-post, mistoqsi għandux xi jgħid fir-rigward, l-imputat wieġeb fin-negattiv għaliex skontu *jien dak mhux tiegħi. Dik is-serqa mhux tiegħi, ma nafx x'inti tgħid fuqha, ma jinteressanix fejnu l-post. Jien qatt ma dħalt hemm.*
- Muri r-ritratt ta' l-allegat vittma l-imputat iddikjara li jafu u li għandu ħanut tal-pastizzi Bormla u muri ritratt ta' Nicole Vassallo ddikjara *m'għandix ideja tagħha … lanqas qatt ma rajtha.* Infurmat bil-fatt li din Nicole Vassallo kienet involuta fl-allegata serqa, l-imputat iddikjara *lanqas għandi idea fuq din is-serqa li qed tgħidli.*
- Rinfaċċat bil-kuntatt li seħħ bejn il-mobile tiegħu u l-mobile ta' Nicole Vassallo, l-imputat qal *minn naħa tiegħi żgur le imma jista' jkun iva. Forsi għandi xi ħabib tiegħi u forsi ċempillha. Imma jien le. Jien min jiġi fuqi jgħidli tini waħda l-mowbajl ħa nċempel u intihulu. Jiena mhux ħa ngħidlu le, imma jiena le lil dik ma nafhiex.*
- Rinfaċċat bil-fatt li l-mobile tiegħu ġie *localised* fuq il-post ta' l-allegata serqa, l-imputat qal *dik ma nafx x'inti tgħid biha. Le, jien mal-mobile le. Le, le, mhux vera. Jiena għalija ma menninix din il-mossa. … Inti l-ewwel għidtli, l-ewwel telefonata li ċempilt huwa miż-Żejtun u jien għidtlek li mhux vera u t-telefonata li ċemplulha huwa mill-Verdala u issa tiġi tgħidli li l-mowbajl huwa miż-Żejtun.* Mistoqsi minn PC638 Mark Bonello *mela issa taf min ċempillha*, l-imputat qal *dak imbagħad ngħid lill-avukat u jitkellem l-avukat il-Qorti.*
- Eventwalment l-imputat qal li dan il-persuna kien Marflene Cricchiola li jiġi l-ex ta' Nicole Vassallo. Mistoqsi jekk ċempilx quddiemu, l-imputat wieġeb *tajtu l-*

[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020, fol. 237 tal-proċess.

*mowbajl biex iċempel u telaq iċempel 'l hemm wara ux jiġifieri ma qagaħdx ħdejna.* Skontu dak il-ħin kienu l-Verdala u kienu hu u tlett persuni oħra u zied illi *jiġifieri l-ewwel telefonata li ċempilt minn dak it-telefown lil dik il-mara huwa mill-Verdala u mhux miż-Żejtun biex nirranġahilek naqra għax hemm naqra ta' żball żgħir. … l-ewwel telefonata li ċempel, ċempel Melflin minn fuqu u daqshekk. Issa jista' jkun reġa' ħadu hu u ċemplilha forsi bih.*

- Fir-rigward tad-DNA tiegħu li nstab fl-ingwanta, l-imputat qal *jien għalija ma nafx min qed jiffrejmjani, għandi d-dubji tiegħi min qed jiffrejmjani. Jiena għalija dan huwa frame up. … le jiena fuq din mhux ser naċċettaha li għandi d-DNA hemmhekk meta jiena qatt ma kont hemm. Lanqas qatt ma jista' jkun. Mela din għamlu l-magics. … m'għalaqtuhx il-każ. Għax intom lil Nicole qegħdin tresquha fuq kompliċità mhux fuq is-serq. Jiġifieri intom tkunu tridu bniedem ieħor li l-bniedem seraq. Issa qegħdin titfgħu lili bniedem seraq. Issa jien qed ngħidilkom mhux jien, qed nibqa' ngħidilkom mhux jien, qed tgħiduli bid-DNA għax int bid-DNA biss għandek inti li qed theddidni naqa' bih, il-bqija m'għandek xejn. … Il-mowbajl tiegħi diga għedtlek li l-mowbajl tiegħi dak jien tajtu lil Marflene biex iċempel lit-tfajla tiegħu, l-ex tfajla tiegħu.*
- L-imputat qal li f'dak il-ħin Marflene Cricchiola telaq bil-mobile tiegħu u tahulu lura l-għada, *jien kemm-il darba mmur it-training miegħu, immorru nittrejnjaw, ninsih fil-karozza tiegħu, jitlaq id-dar huwa, jien immur id-dar, qed tifhem, u niftakar illi għandi l-mowbajl u imbagħad iġibuli l-għada. Din normali għalina.*
- L-imputat allega li d-DNA tiegħu fuq ix-xena tad-delitt tqiegħed hemm jew minn Cricchiola, jew mill-Pulizija stess jew addirittura għamlet xi ħaġa t-Tabiba li għamlet l-analiżi tad-DNA.
- L-imputat qal ukoll illi *jiena diga ħadtha dik x'jisimha. Jiena dil-problema diga ħadtha, każ ma kienx tiegħi jien diga ħadtha u għamilt tmien xhur ħabs. Jiġifieri imbagħad inqata' l-każ li Victor ma kellux x'jaqsam. Imbagħad orrajt wara, imma l-aqwa li nagħmlu tmien xhur ħabs, imma wara orrajt aħna. … Staqsi lil Keith Arnaud mela. Hawnhekk qiegħed fl-istess binja tiegħek. Għidlu Victor telaq, għidlu li liberat mill-akkuża fuq fingerprint ġo komun u ġejtu taħsbu li huwa li seraq u imbagħad irriżulta li mhux jiena, qed insemmilek il-bniedem jiena, ħabib tiegħu suppost, il-kollega tiegħek lil Keith Arnaud. Dak diga żewġ każijiet hawn semmejtlek, diga żewġ każijiet. Semmejtlek każ fuq Keith Arnaud u każ fuq Spiridione meta dawn iż-żewġ każijiet ma kellix x'naqsam magħhom jiena, u dal-każ tiegħek hekk ser jiġi, fi x'ħin ngħalqu ser tinduna li mhux jiena. Jien tinsiex iktar qabel għidtlek li meta ġie Marflene ħdejja jien qatt ma kont waħdi. Jien waħdi qatt ma kont, kien hemm tlieta oħra. Jiena diga għedtulek dan u nerġa' nibqa' ngħidulek u anke l-Qorti se ngħidulek. Jiena qatt ma kont waħdi, jiġifieri jekk jien mort nisraq ġew it-tlieta l-oħra miegħi wkoll? Le? Marflene telaq għax tajtu l-mowbajl jiena orajt.*
- Dwar l-użu ta' ingwanti tal-latex l-imputat qal *jien fit-2019 jien nista' ngħidlek li tgħidli issa ngħidlek. Iva nilbishom ġieli lbisthom.* Mistoqsi jekk kienx jilbes dawn it-tip ta' ingwanti qabel il-COVID, l-imputat wieġeb *le qabel il-Covid. Ifhimni mhux ser ngħidlek qatt ma lbisthom imma ma niftakarx li jien ilbist l-ingwanti għal xi ħaġa. … Jista' jkun forsi ġieli lbisthom imma ma niftakarx mit-2019. Dis-sena iva għax xbajna nilbsuhom naħseb kulħadd hux jiġifieri anke maskla.*

• L-imputat qal li jiftakar li dakinhar ta' l-24 ta' Novembru 2019 Marflene Cricchiola kien talbu l-mobile biex iċempel lit-tfajla tiegħu minħabba l-fatt li l-Pulizija arrestawh erba' darbiet fuq l-istess każ u dejjem jagħfsu fuqu, żied jgħid ukoll illi l-biċċa l-kbira tad-drabi li dan Cricchiola jkun ħdejh dejjem jitolbu l-mobile tiegħu u qal ukoll li kien ilu l-aħħar erba' snin dejjem bl-istess rutina bil-lejl u dejjem ma' l-istess erbat iħbieb.

Fl-Inkjesta Maġisterjali li nfetħet in konnessjoni ma' dan il-każ ġew nominati diversi Esperti fosthom is-**Scene of Crime Officer PC1491 Kurt Attard**[39] illi fost affarijiet oħra eleva ingwanta tal-latex misjuba fit-taraġ tal-komun li ġiet dokumentata Dok. 19 COP 201. Din l-ingwanta tal-latex għaddiet għand l-Espert Dr. Marisa Cassar kif jirriżulta mis-Submission Form a fol. 103 tal-proċess. Ġie nominat wkoll is-**Scene of Crime Officer PS385 Emanuel Dalli** li aċċeda fil-fond Kastellan Court, Flat 2, Triq il-Faqqus, Żejtun, u ġibed diversi ritratti ta' l-istat tal-fond, b'mod partikolari tal-kamra tas-sodda, tal-ħsara fil-bieb ta' barra ta' l-appartament kif ukoll ta' ingwanta tal-latex li nstabet fit-taraġ tal-komun[40].

Wara li l-**Espert Dr. Marisa Cassar** għamlet analiżi għad-DNA fuq l-ingwanta in kwistjoni hija kkonkludiet illi *mill-kampjun li ttieħed minn ġewwa ta' l-ingwanta ħareġ profil ġenetiku mħallat (3 kontributuri). Mill-kampjun li ttieħed minn barra ta' l-ingwanta ħareġ profil ġenetiku mħallat (3 kontributuri), fejn ma jistax jiġi eskluż li wieħed mill-kontributuri huwa raġel*[41]. L-inkarigu ta' Dr. Marisa Cassar ġie estiż sabiex tagħeml komparazzjoni bejn id-DNA minnha riskontrat fuq l-ingwanta u d-DNA ta' l-imputat. Wara li ħadet kampjun tad-DNA ta' l-imputat u għamlet l-analiżi neċessarja, hija kkonkludiet *mill-kampjun li ttieħed minn ġewwa ta' l-ingwanta ħareġ profil ġenetiku mħallat (3 kontributuri). Meta wieħed jikkonsidra l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun (19 COP 201: In) l-ipoteżi li Victor Degabriele u 2 persuni oħra huma kontributur hija $6.79x10^4$ iktar probabbli mill-ipoteżi li 3 persuni oħra ta' l-istess popolazzjoni huma l-kontributuri. Mill-kampjun li ttieħed minn barra l-ingwanta ħareġ profil ġenetiku mħallat (3 kontributuri) fejn ma jistax jiġi eskluż li wieħed mill-kontributuri huwa raġel. Meta wieħed jikkonsidra l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun (19 COP 201: Out), l-ipoteżi li Victor Degabriele u 2 persuni oħra huma kontributuri hija $2.78x10^{10}$ iktar probabbli mill-ipoteżi li 3 persuni oħra ta' l-istess popolazzjoni huma l-kontributuri*[42].

Fix-xhieda li tat waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2021[43], l-Espert Dr. Marisa Cassar xehdet illi l-preċentwali kif mogħtija fit-tieni rapport tagħhom huma l-ewwel waħda one in 68,000 u t-tieni waħda one in 28 billion. Spjegat ulterjorment illi *f'dan il-każ, inti r-riżultat joħroġlok taħlita ta' 3 persuni. Ma tistax tgħid mela għandi person A, person B u person C, taf li hemm taħlita ta' 3 persuni minħabba n-numru ta' allies li jkun hemm. Meta kellna l-profil ġenetiku ta' Victor Degabriele u*

---

[39] Relazzjoni a fol. 99 sa' 103 tal-Procès-Verbal bin-Numru 1050/2020.

[40] Relazzjoni a fol. 109 sa' 142 tal-Procès-Verbal bin-Numru 1050/2020.

[41] Relazzjoni a fol. 104 sa' 108 tal-Procès-Verbal bin-Numru 1050/2020.

[42] Relazzjoni a fol. 144 sa' 149 tal-Procès-Verbal bin-Numru 1050/2020.

[43] Fol. 326 sa' 328a tal-proċess.

*ħdimna statistics, jista' jkun illi Victor Degabriele u żewġ persuni oħra li ma nafux huma kontributuri għal din is-sample u l-ipoteżi l-oħra kienet le, hu mhux kontributur imma persuna oħra hija kontributur. Jiġifieri inti qed taħdem hu u żewġ unknowns jew tlieta unknowns fil-population. Meta mbagħad ħdimna dik il-calculation ħarġu dawn il-values li ħriġna.* Spjegat illi dan ir-riżultat ma japplikax għaż-żewġ kontributuri l-oħra wkoll imma jkun irid isir kalkolu ieħor a bażi tal-kampjuni tagħhom. Xehdet ukoll illi r-riżultati mogħtija minnha għandhom imbagħad jiġu kkunsidrati mill-Qorti a bażi ta' provi oħra prodotti u li ma hemmx mod kif jiġi determinat li s-sample eżaminat huwiex sample antik o meno.

**Marflene Cricchiola**[44] għażel li ma jixhidx fir-rigward ta' l-allegata serqa mertu tal-proċeduri odjerni iżda ddikjara li *ftit xhur ilu, dan iċ-ċertu Ryan Grech jekk mhux sejjer żball qed jgħid li jiena sraqtu xi 20,000 jew ma nafx x'inhu jgħid, dak jiena għandi tarbija minn tat-tfajla tiegħu u dak ftit xhur ilu kien waqqafni biex itini l-flus lili biex jiena ma nibqax inkellem lil Nicole u biex lanqas nara lit-tifel. Ried iħallasni, dan il-bniedem offrieli xogħol ukoll nitla' l-Italja nġiblu xi xogħlijiet u jiena m'inix baħnan għax naf għaliex iridni. Għamel minn kollox biex lili dan jaqlagħni minn mal-familja jiġifieri minn mat-tifel u minn ma' Nicole u jiddispjaċini ħafna illi kellu jiżfen fiha dan ir-raġel, konna ħbieb kbar u spiċċa ġellidni minn miegħu u dan prattikament qed jipprova jagħmel minn kollox dan ir-raġel biex lil jaqlagħni minn hemmhekk u spiċċa jiżfen fiha dan ir-raġel.*

**Nicole Vassallo**[45] għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri in vista tal-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tagħha dwar l-istess allegata serq mertu ta' dawn il-proċeduri.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli f'xi ħin bejn is-01:30hrs u 07:00hrs ta' sbieħ l-24 ta' Novembru 2019, ġewwa Kastellan Crt, Flt 2, Triq il-Faqqus, Żejtun: (1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li huwa iżjed minn €2,329.37, u bil-lok, għad-dannu ta' Ryan Grech.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 26 ta' Jannar 2021[46], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti *inter alia* għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263(a), 264, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2), 281(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri ma għandux ikun hemm dubju li fis-siegħat bikrin ta' nhar l-24 ta' Novembru 2019, seħħet serqa minn ġewwa l-fond Kastellan Court, Flat 2, Triq il-Faqqus, Żejtun, a dannu ta' Ryan Grech. Dana ma jirriżultax biss mix-xhieda ta' l-istess Ryan Grech li, dwar il-mod kif żvolġiet is-serata tiegħu, x'sab meta rritorna d-dar, ossia l-bieb ta' barra ta' l-appartament sgassat u l-kamra tas-sodda kompletament mqalba - fatti

[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2021, fol. 324 u 325 tal-proċess.

[45] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2021, fol. 371 tal-proċess.

[46] Fol. 301 tal-proċess.

dawn ikkonfermati wkoll mir-ritratti li ħa s-Scene of Crime Officer PS384 Emanuel Dalli - u dwar x'insteraqlu, ossia flus kontanti fl-ammont komplessiv ta' €11,200, kienet konsistenti, iżda l-imputat stess jirrikonoxxi li seħħet tali serqa u skontu l-istess twettqet minn Marflene Cricchiola.

Il-Prosekuzzjoni qed torbot lill-imputat ma' din is-serqa a bażi ta' żewġ provi: (i) il-fatt li fis-siegħat bikrin ta' l-24 ta' Novembru 2019 kien hemm kuntatt bejn il-mobile ta' l-imputat (99742806) u l-mobile ta' Nicole Vassallo (99315060), li l-Prosekuzzjoni tikkontendi li kienet il-*look out* għall-finijiet ta' din is-serqa, u kien hemm kuntatt bejn il-mobile ta' l-imputat (99742806) u l-mobile bin-numru 99857743, li skond il-Prosekuzzjoni huwa ta' Ignazio Pavia, iz-ziju ta' Marflene Cricchiola, u wtilizzat minn Marflene Cricchiola, **u** li għall-ħabta tas-2:00a.m., il-mobile ta' l-imputat kien jinsab iż-Żejtun, ossia l-istess żona fejn seħħet is-serqa; **u** (ii) il-fatt li fuq ix-xena tar-reat, senjatament fit-taraġ tal-komun tal-blokk Kastellan Court, instabet ingwanta tal-latex li fuqha u fiha nstabu traċċi tad-DNA ta' l-imputat, hekk kif jirriżulta mit-tieni relazzjoni ta' l-Espert Dr. Marisa Cassar.

Il-Qorti tosserva li huwa prinċipju ġuridiku assodat illi *hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reati u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinċiment morali tal-ġudikant*[47]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zampa et**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-1 ta' Lulju 1998, ġie osservat illi *kif inhu ben saput, sabiex persuna tinsab ħatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni għandha l-oneru li tipprova l-każ tagħha mingħajr dubju dettat mir-raġuni, dubji oħra li ma jħallux lill-ġudikant ikollu dak il-konvinċiment morali dwar ir-responsabbilità kriminali tal-persuna akkużata. Dubju li minħabba fih, min għandu jiddeċiedi, ma jistax jiddeċiedi, la naħa u lanqas oħra. Huwa l-akkużat li bil-liġi m'għandu għalfejn jipprova xejn, imsaħħaħ bil-presunzjoni tal-innoċenza, li jista' jasal sal-grad tal-probabbli.*

Il-provi tal-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat huma l-hekk imsejħa provi indizzjarji (*circumstantial evidence*), fir-rigward ta' liema l-ġurisprudenza nostrali tipprovdi li *sabiex il-prova indizzjarja twassal għas-sejbien ta' ħtija, trid tkun ċara u univoka fis-sens li twassal neċessarjament, u f'kuntest ta' dak li hu raġonevoli, għall-ħtija ta' l-imputat. Fi kliem ieħor, l-elementi ta' provi kostitwenti l-prova indizzjarja jridu jkunu bażati fuq cirkostanzi provati li, interpretati b'mod raġonevoli, ma jistgħux iwasslu għal konklużjoni oħra għajr dik tas-sejbien ta' ħtija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-Prosekuzzjoni qeda isserraħ il-każ tagħha. F'każ li l-elementi ta' prova jistgħu raġjonevolment jwasslu għal konklużjoni li ma tkunx is-sejbien ta' ħtija, allura għandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioè li dan id-dubbju raġjonevoli għandu jmur favur l-imputat*[48].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dylan Agius**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Lulju 2016, ingħad illi *l-ġurist Ingliż Pollock jiddeskrivi l-prova ċirkostanzjali u t-tifsira ta' l-univoċità*

---

[47] Il-Pulizija v. Paul Farrugia, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' Marzu 2000.

[48] Il-Pulizija v. Simeon Nicholas Sultana, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' Novembru 2001.

*tagħha bis-segwenti mod: It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.*

In oltre fir-rigward tal-provi indizzjarji, Archbold jgħid li *where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.6*

Kif ingħad iktar 'l fuq, il-provi li qed tistrieħ fuqhom il-Prosekuzzjoni għall-fini ta' ħtija ta' l-imputat għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu huma: (i) l-attività minn u fuq il-mobile ta' l-imputat dakinhar ta' l-24 ta' Novembru 2019 fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, fejn addirittura f'02:07:32 dan il-mobile kien qed jimmarka li kien jinsab iż-Żejtun, l-istess lokalità fejn seħħet is-serqa; u (ii) l-ingwanta tal-latex li nstabet fil-komun ta' Kastellan Court bid-DNA ta' l-imputat fuqha u fiha. L-imputat da parte tiegħu jittanta joħloq dubju dwar il-validità, jew aħjar is-solidità tal-valur probatorju ta' dawn il-provi tal-Prosekuzzjoni billi jipprova jagħti spjega ta' raġuni għalfejn kien hemm l-attività indikata mill-Prosekuzzjoni fuq il-mobile tiegħu fis-siegħat bikrin ta' l-24 ta' Novembru 2019 u ta' kif l-ingwanta in kwistjoni, li kellha d-DNA tiegħu fuqha u fiha, spiċċat fil-komun ta' Kastellan Court.

Il-Qorti qieset bir-reqqa l-ispjegazzjonijiet li ta l-imputat iżda tqis li mill-assjem tal-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, u anke fid-dawl ta' ċerta provi li inspjegabilment l-imputat naqas milli jressaq, dak minnu allegat ma jirriżultax sostanzjat u debitament stabbilit bħala fatt.

Jibda biex jiġi osservat li l-imputat jikkontendi li dakinhar tas-serqa a dannu ta' Ryan Grech il-mobile tiegħu bin-numru 99742806 ma kienx fil-pussess tiegħu iżda kien qiegħed għand Marflene Cricchiola, għax allegatament kienu hu stess li tahulu meta talabulu biex iċempel lill-ex tfajla tiegħu. Jikkontendi li dan il-fatt huwa ippruvat minn dak li qalet Nicole Vassallo lill-Pulizija, ossia li meta rċeviet sms minn dan in-numru l-sms kien jgħid "Jien Mar" u meta rċeviet telefonata eżatt wara l-sms, kellimha Marflene Cricchiola. Il-Qorti lesta li tikkonċedi li l-sms li ntbagħat lil Nicole Vassallo min-numru 99742806 fl-24 ta' Novembru 2019 f'00:05:52, seta' intbagħat minn Marflene Cricchiola u lesta li tikkonċedi wkoll li t-telefonata li rċeviet eżatt wara Nicole Vassallo, ossia f'00:06:13, saret minn Marflene Cricchiola iżda, fil-fehma Tagħha l-istampa li pprova jpinġi l-imputat, u cioè li dakinhar ta' l-allegata serqa l-mobile tiegħu kien **il-ħin kollu** fil-pussess ta' Marflene Cricchiola u mhux għandu, ma treġix u ma hijiex affattu kredibbli.

Meta xehed quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Diċembru 2020[49], l-imputat stqarr *darba minnhom ġie b'mutur u qalli ħa inċempel waħda imma ma kontx naf il-ġurnata u jiena għedtlu ħa tista' iċċempel. Ċempel u ħadu miegħu l-mobile għax dan kemm-il darba nsejtu l-mobile imbagħad iġibuli.* Huwa notevoli li l-imputat fl-ebda ħin u bl-ebda mod, lanqas fil-kors tal-kumplament tax-xhieda tiegħu, ma jgħid li dik id-darba kienet proprio dakinhar li seħħet is-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri u għalhekk il-Qorti diffiċilment tista' tallaċċja dak minnu allegat mal-*punctum temporis* mertu ta' dawn il-proċeduri, lanqas jekk l-imputat jikkontendi li hu ta' spiss kien jagħti dan il-mobile lil Marflene Cricchiola jew li addirittura kien jinsieh fil-karozza ta' Cricchiola u dan kien jirritornahulu l-għada. Għalkemm l-imputat jargumenta li meta sar il-konfront bejnu u Marflene Cricchiola quddiem l-Ispettur Saviour Baldacchino, Cricchiola ammetta li kien uża l-mobile ta' l-imputat, mix-xhieda ta' l-Ispettur Saviour Baldacchino jirriżulta li filwaqt li Cricchiola vera qal li kienu juża l-mobile ta' l-imputat, fl-ebda ħin ma qal u ammetta li dakinhar tas-serqa huwa kien għamel użu minn dawn il-mobile.

Apparte minn dan appena osservat, fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija Eżekuttiva, rinfaċċjat bil-fatt dwar kif seta' jgħid li dakinhar li allegatament ta l-mobile lil Marflene Cricchiola kien proprju dakinhar li seħħet is-serqa in kwistjoni, l-imputat stqarr li jiftakar żgur għax il-ġranet tiegħu kollha l-istess u dejjem jagħmel l-istess ħaġa u allura diffiċilment jinsa s'jkun għamel. Hawn ukoll il-Qorti ma tistax tara kif tali spjegazzjoni tista' twassal biex dakinhar li l-imputat allegatament ta l-mobile tiegħu lil Marflene Cricchiola kien proprju dakinhar tas-serqa fir-residenza ta' Ryan Grech. Jekk il-ġranet ta' l-imputat huma kollha xorta u jekk huwa soltu jsellef il-mobile tiegħu lil min jitlobulu u soltu jinsieh fil-karozza ta' Marflene Cricchiola, kif jista' l-imputat jgħid b'ċertezza, u iktar minn hekk jippretendi li din il-Qorti taċċetta b'ugwal ċertezza, li dakinhar ta' l-24 ta' Novembru 2019, fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, dan il-mobile kien għand Cricchiola u mhux għandu.

Fattur ieħor li jpoġġi fid-dubju dak allegat mill-imputat huma ċerta inkonsistenzi inspjegabbli bejn ix-xhieda li ta quddiem il-Qorti fit-2 ta' Diċembru 2020 u dak minnu dikjarat fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija fis-17 ta' Awwissu 2020. Fl-

[49] Fol. 216 sa' 231 tal-proċess.

istqarrija qal li hu, kull filgħaxija, dejjem ikun ma' l-istess tlieta min-nies li skontu jkunu l-ħin kollu miegħu, tant li stqarr kemm-il darba li hu qatt ma jkun waħdu u li allura jekk mar jisraq kif kienet qed tikkontendi l-Pulizija, huma kienu miegħu. Naturalment l-imputat dan qed jgħidu bħala prova, skontu, li hu ma setgħax kien iż-Żejtun nhar l-24 ta' Novembru 2019 f'02:07:32 għaliex dak il-ħin kien ma' dawn it-tlett iħbieb tiegħu fir-residenza tiegħu 5, Fuq Verdala, Bormla. Stranament però l-imputat, li konsistentement allega li dan huwa każ ta' *frame up* kontrih, ma identifikax min kienu dawn l-allegati tlett iħbieb biex b'hekk jiġu mitkellma mill-Pulizija u lanqas ressaqhom bħala xhieda biex, kif wieħed jippretendi li Kellu jiġri kieku qed jgħid il-verità, dawn jiskaġonawh għax jikkofermaw li dakinhar ta' l-24 ta' Novembru 2019 fil-ħin li l-mobile tiegħu kien qed jimmarja li qiegħed iż-Żejtun, huwa in verità kien id-dar tiegħu magħhom. Stranament l-imputat dejjem straħ fuq il-fatt li kien se jkun Marflene Cricchiola stess li jiskaġonah mir-responsabilità kriminali għal din is-serqa, ħaġa li però Cricchiola baqa' sa' l-aħħar ma għamilhiex.

In kwantu rigwarda l-ingwanta tal-latex fuq u f'liema nstab id-DNA ta' l-imputat, huwa jgħid li kien hemm okkażjoni meta Marflene Cricchiola kien talbu ingwanta u flat bar biex jagħmel service fuq il-mutur tiegħu u l-imputat, li skontu d-dar għandu baskett mimli ingwanti wżati minħabba l-klieb, kien taħ tali ingwanta u flat bar. Bħala fatt quddiem il-Qorti huwa xehed *darba minnhom, kien jidħol għandi u hu jaf li għandi baskett tal-Lidl bl-ingwanti, kont għidtlu lill-Ispettur bihom. … Minħabba l-klieb u l-puppies biex ma mmisshomx b'idejja għax meta jkunu babies ma tistax tmisshom inti b'idejk u kelb wieħed trid ittih 4 darbiet jiġifieri mhux ħa toqħgod tarmi l-ingwanti, irrid inħallihom hemmhekk u għandi baskett jiġifieri kollu. Hu kien jaf li għandi l-ingwanti għax hu kien jidħol għandi spiss.* A bażi ta' hekk jikkontendi li seta' kien l-istess Marflene Cricchiola, li skontu wettaq is-serqa għand Ryan Grech, li ħalla l-ingwanta in kwistjoni fil-komun ta' Kastellan Court biex jeħel hu.

Għalkemm l-imputat ħareġ b'din l-iskuża fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti fit-2 ta' Diċembru 2020, minn dan kollu ma qal xejn fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija Eżekuttiva ftit xhur qabel, ossia fis-17 ta' Awwissu 2020. Mhux talli hekk talli meta ġie mistoqsi kienx jagħmel użu minn ingwanti ta' dan it-tip fl-2019, l-imputat stqarr *ifhimni mhux ser ngħidlek qatt ma lbisthom imma ma niftakarx li jien ilbist l-ingwanti għal xi ħaġa. … Jista' jkun forsi ġieli lbisthom imma ma niftakarx mit-2019. Dis-sena iva għax xbajna nilbsuhom naħseb kulħadd hux jiġifieri anke maskla.* Din ir-risposta ta' l-imputat tikkuntrasta sew ma' dak illi xehed waqt is-seduta imsemmija tat-2 ta' Diċembru 2020 u l-Qorti ma tara l-ebda spjegazzjoni loġika għalfejn dak li ddikjara f'Awwissu 2020 inbidel daqshekk drastikament f'Diċembru 2020, għajr li l-imputat assolutament mhux qed jgħid il-verità.

Apparte minn hekk hemm ukoll it-telefonata li saret mill-imputat minn ġewwa l-ħabs lil terza persuna fis-26 ta' Awwissu 2020, fejn fir-rigwarda ta' l-ingwanta l-imputat jgħid *ħa ngħidlek x'tgħidlu, għidlu ismani, jien qabbad lil wieħed biex hekk, kif qed tgħidli inti, għidlu ħalla ingwanta. Għidlu issa l-ingwanta, lili kien sellifni par ingwanti minħabba l-mutur u flat bar, għidlu biex nirranġa l-mutur, biex nagħmillu stand, <u>tiftakar kont selliftni inti flat bar u par ingwanti biex</u>*

biddilu ż-żejt meta ġibnieh minn hemmhekk, mill-Fgura[50], quindi altru milli kien l-imputat li ta l-ingwanta lil Cricchiola kif qal fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti.

Fir-rigward tat-telefonata in kwistjoni, il-Qorti hija iktar propensa taħseb li hemm l-imputat ma kienx qed jipprova jwassal messaġġ lil Marflene Cricchiola biex jissoleċitah jgħid il-"verità", imma iktar kien qed jipprova jwassal messaġġ lil Cricchiola dwar x'narrattiva għandu jwassal u jgħid - fis-sens ta' *script* ippreparat a differenza tal-verità ta' kif seħħew l-affarijiet - lill-Pulizija biex b'hekk forsi huwa jinħeles mir-responsabilità fir-rigward ta' din is-serqa. Fil-kors tat-telefonata l-imputat stess jgħid li din hija *mossa* u allura l-Qorti diffiċilment tista' temmen li l-affarijiet - fis-sens tan-nuqqas ta' involviment tiegħu - seħħew kif qed jgħid hu u mhux kif invece jirriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Għalkemm ukoll l-imputat jgħid li huwa għamel diversi telefonati minn ġewwa l-ħabs fejn allegatament kien qed jissoleċita lil Marflene Cricchiola jgħid, skontu, il-verità u dan l-istess Cricchiola ammetta miegħu li hu (ossia l-imputat) ma kellux x'jaqsam mas-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri, stranament l-imputat ma talabx biex dawn it-telefonati jiġu esebiti. Bl-istess mod l-imputat qal ukoll li *issa sakemm kont qiegħed il-ħabs Marflene għamel CD, għamilha hu taparsi Ryan Grech, taħa lill-ex tfajla tiegħi li kelli, id-dar tefagħha, ma nafx jekk hux lill-ex tfajla jew lill-kunjatu, tahom CD taparsi s-serqa. Is-CD ma smajthiex jiena imma taparsi qed jitkellem dan Ryan Grech imma ma nafx kif qiegħda u Jiena xtaqt li nagħtihielu lill-Ispettur. Ċempitl kemm-il darba mill-ħabs jiġifieri ngħid lil tal-ħabs biex ikellmu lill-Ispettur biex inkellmu u qatt ma kien hemm dik il-konnessjoni li nitkellem ma' l-Ispettur*, iżda stranament din is-CD baqgħet qatt ma ġiet esebita. Dawn huma żewġ ċirkostanzi oħra fejn l-imputat seta' kieku ried, jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li hu ma kellu xejn x'jaqsam ma' din is-serqa u li invece kien Marflene Cricchiola li qed jipprova jinkastrah għal reat imwettaq minnu, iżda għal raġunijiet li jaf huwa biss dan ma għamlux bil-konsegwenza għalhekk li l-allegazzjonijiet tiegħu jirriżulta ferm dagħjfa fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Jiġi ribadit li l-imputat saħaq kemm-il darba li dejjem stenna li Marflene Cricchiola jgħid il-verità, ossia li hu (cioè l-imputat) ma kellu xejn x'jaqsam mas-serqa a dannu ta' Ryan Grech, u b'hekk jinħeles minn kull responsabilità kriminali fir-rigward iżda, dan Marflene Cricchiola baqa' ma għamlux. Mhux talli Marflene Cricchiola fl-ebda ħin ma skaġona lill-imputat talli fir-rigward tas-serqa in kwistjoni għażel li ma jixhidx u l-unika ħaġa li qal, jew aħjar ipprova jagħmel, hija li waħħal f'Ryan Grech - li kif ingħad huwa l-vittma f'dawn il-proċeduri - li minħabba fih l-imputat spiċċa fis-sitwazzjoni li jinsab fiha llum.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li ma ġiet ikkreata, bi provi sodisfaċenti, l-ebda *crepa* fil-provi tal-Prosekuzzjoni in sostenn ta' l-ewwel imputazzjoni minnhom dedotta fil-konfront ta' l-imputat. Anzi, dak li jirriżulta debitament ippruvat huwa li fis-2:07:32, ossia l-ħin li tulu seħħet is-serqa in kwistjoni, hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' PS1227 Malcolm Pace u tax-xhud Eric Pace, il-mobile ta' l-

[50] Sottolinear tal-Qorti.

imputat kien qed jimmarka ż-Żejtun, l-istess lokalità fejn seħħet is-serqa, u per di più fuq ix-xena tar-reat instabet ingwanta tal-latex li fuqha u fiha nstab id-DNA ta' l-imputat. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-involviment ta' l-imputat fis-serqa in kwistjoni jirriżulta u jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli.

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li jeċċedi €2,329.37 u bil-lok a dannu ta' Ryan Grech. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-appartament minn fejn seħħet is-serqa in kwistjoni huwa r-residenza tal-vittma Ryan Grech, jirriżulta wkoll li l-bieb ta' l-appartament ġie sgassat u li s-serqa seħħet għall-ħabta tas-2:00a.m. nhar l-24 ta' Novembru 2019. B'hekk il-kwalifiki tal-mezz, tal-ħin u tal-lok għar-reat ta' serq jirriżultaw pruvati. In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-valur, *a tempo vergine* Ryan Grech stqarr mal-Pulizija li nsterqulu ammont ta' flus kontanti f'valur ta' €11,200. Din l-istess verżjoni taha meta xehed quddiem fil-kors ta' dawn il-proċeduri fid-9 ta' Ottubru 2010[51] u mill-mod dettaljat kif spjega fejn u kif kienu mqassma dawn il-flus, il-Qorti ssib ebda raġuni għalfejn ma għandhiex temmen dak dikjarat minn Grech. Għaldaqstant anke l-kwalifika tal-valur tirriżulta ppruvata.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fl-istess okkazzjoni tas-serqa a dannu ta' Ryan Grech volontarjament ħassar, għamel ħsara u/jew għarraq ħwejjeġ ta' ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioè ħsara fuq bieb ta' barra tal-fond Kastellan Court, Flat 2, Triq il-Faqqus, Żejtun, liema ħsara ma tiskorrix €250 għad-dannu ta' l-istess Ryan Grech.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 26 ta' Jannar 2021[52], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti *inter alia* għall-għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba, fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm mill-provi prodotti, inkluż ir-ritratti li ħa s-Scene of Crime Officer PS384 Emanuel Dalli, jirriżulta li l-bieb ta' l-appartament ta' Ryan Grech ġie sgassat u saritlu l-ħsara, ma tressqet l-ebda prova dwar il-*quantum* tal-ħsara kawżata, u in verità lanqas saret il-prova li din il-ħsara ssewwiet.

Mingħajr tali prova l-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tar-reat ta' ħsara volontnarja prospettat fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ta' reat minuri previst fl-imsemmi artikolu tal-Liġi, u konsegwentement għalhekk ma tistax għajr li tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

---

[51] Fol. 125 sa' 132 tal-proċess.

[52] Fol. 301 tal-proċess.

Bit-**tielet imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli li kiser il-kundizzjoniijet ta' Probation imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. nhar is-26 ta' Frar 2018.

Min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 26 ta' Jannar 2021[53], jirriżulta li t-tielet imputazzjoni dedotta l-imputat ma hijiex hemm riflessa.

Il-Qorti hawn tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001, fejn ingħad: *meta, (invece,) ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wieħed qed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3)* ***ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti***[54]*. Bħal fil-każ tal-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat*. Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Grech et**, ukoll deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 2017, fejn ingħad: *Issa x'inhi ir-ratio legis wara n-nota ta' rinviju għal ġudizzju, li hija ekwiparata ma' l-att ta'l-akkuża? L-Avukat Ġenerali, wara li lilu jkunu ġew mibgħuta mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali l-atti tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat, jista' jibgħat lura lil dik il-qorti dawk l-atti din id-darba biex issa hija tiddeċiedi fuq il-ħtija o meno tiegħu u dan skont ir-reati hemmhekk addebitati lill-istess imputat. Dan ifisser illi minn dan il-mument il-Qorti tal-Maġistrati tiġi adita mill-Avukat Ġenerali bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u mhux iktar bħala Qorti Istruttorja. Ma huwiex qiegħed iktar isejjaħ lill-Qorti, l-Avukat Ġenerali, sabiex tikkompila l-provi biss, sabiex tiġbor l-evidenza bil-għan illi din tiġi ppreservata ai fini tal-ħruġ ta' l-att ta' l-akkuża. Issa bin-nota ta' rinviju għal ġudizzju il-Qorti qed tiġi imsejjħa tasal għal ġudizzju finali fuq il-każ ippreżentat quddiemha. Mill-mument allura illi l-Qorti tal-Maġistrati tirċevi in-nota ta' rinviju għal ġudizzju u cioè dik illi għandha l-istess rwol ta' l-att ta' l-akkuża, minn dak il-mument il-funzjoni tal-qorti hija waħda differenti – mhux iżjed dik kumpilatorja, iżda issa dik deċiżjorja. Il-funzjoni tar-rinviju għal ġudizzju huwa sempliċement illi jfassal it-termini li fuqhom il-Qorti tal-Maġistrati issa għandha tiddeċiedi l-kawża u dan meta l-Avukat Ġenerali jiddeċidi li ma jqiegħedx lill-imputat taħt att tal-akkuża, u għalhekk jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Maġistrati biex tiddeċidi l-kawża hija stess skond it-termini tar-rinviju.*

---

[53] Fol. 301 tal-proċess.

[54] Enfasi ta' din il-Qorti.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi huwa evidenti għalhekk li din il-Qorti hija prekluża milli tittratta t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu mhux indikata fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

**Reċidiva:**

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 26 ta' Jannar 2021[55], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti *inter alia* għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba, fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 49(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.* L-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

L-Artikolu 289(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu* (relattiv għal reati ta' serq)*, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa' tliet gradi.*

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Victor Degabriele et" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Frar 2018 - Dok. "SB8" a fol. a fol. 152 sa' 173 tal-proċess. Mill-konnotati ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri jirriżulta li s-sentenza in kwistjoni ngħatat fil-konfront ta' l-imputat odjern. Bl-imsemmija sentenza l-imputat ma nstabx ħati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih u b'hekk ġie lliberat minnhom iżda, instab ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra hemm dedotti kontrih u tqiegħed taħt Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perijodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza u t-terminu ta' sentenza sospiża imposta fuqu fl-14 ta' Ġunju 2007 ma ġiex estiż.

B'din is-sentenza l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' tipprova r-reċidiva fil-konfront ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi ai termini ta' l-Artikolu 25(1) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta,: *(1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment*

[55] Fol. 301 tal-proċess.

*għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra - (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat...*

A propożitu fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Agius**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2004, ġie osservat illi: *l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti peress li jsostni li tat piena li fix-xorta jew fil-kobor tagħha mhijiex dik ikkontemplata mil-liġi għar-reati li fuqhom l-appellat ġie misjub ħati. Huwa jispjega li l-aggravju tiegħu jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti invokat u applikat id-disposizzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali sabiex setgħet tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża għal perijodu meta kienet prekluża milli tagħmel dan ġaladarba l-appellat kien qiegħed jinstab ħati ukoll li rrenda ruħu reċidiv. Il-liġi f'dan ir-rigward hija ċarissima w inekwivoka. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li ordni li permezz tagħha sentenza ta' priġunerija tiġi sospiża "ma għandux isir ... (b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini ta' l-artikolu 50". Meta l-appellat ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu, kien qiegħed jammetti wkoll l-akkuża li kien sar reċidiv. Difatti fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti rriferiet anke għall-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Jiġifieri prima facie jidher li l-appellant għandu raġun u li l-ewwel Qorti kienet prekluża milli tapplika l-provvedimenti relattivi tal-Kodiċi Kriminali dwar sentenza sospiża fil-konfront ta' l-appellat. Dak li qiegħed jippreokkupa din il-Qorti però huwa l-fatt li l-appellat ġie addebitat b'reċidiva dwar sentenza li permezz tagħha huwa kien tqiegħed taħt probation għal perijodu ta' tliet snin skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Għalhekk, QATT MA SETA' JIĠI ADDEBITAT MILL-PULIZIJA EŻEKUTTIVA BIR-REĊIDIVA DWAR DIK IS-SENTENZA. U m'hemm l-ebda dubju dwar liema sentenza din l-imputazzjoni kienet qed tirreferi. Persuna titqies li hija reċidiva "jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor" (artikolu 49 tal-Kap. 9). U s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi: "Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra - (a) l-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijjiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat". Il-każ odjern ma jaqa' taħt l-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet fil-paragrafi (a) jew (b). Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-proċeduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz tagħha huwa tqiegħed taħt probation*

*għal perijodu ta' tliet snin, ma setgħet QATT titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet ta' reċidiva.*

Għal kull buon fini jiġi osservat li mill-fedina penali ta' l-imputat jirriżulta li fil-każijiet li huwa kellu preċedenti kemm għal dak deċiż fis-26 ta' Frar 2018 u għal dak odjern, senjatament dak deċiż fl-10 ta' Lulju 2013 u dak deċiż fit-8 ta' April 2014, huwa tqiegħed taħt Ordni ta' Probation ukoll u għaldaqstant, tħares minn fejn tħares lejn is-sitwazzjoni (għad illi l-Qorti tosserva li r-reċidiva fi kwalunkwe każ tiġi ippruvata tramite l-preżentata tas-sentenzi opportuni u mhux biss mill-fedina penali), l-imputat ma jistax jinstab li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ingħata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruħu iżda huwa xorta waħda u nonostante ciò baqa' jwettaq reati.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, filwaqt ukoll li mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberaħ minnha u mhux qed issib li l-imputat huwa reċidiv u b'hekk tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 261(b)(ċ)(e)(f), 263(a), 264, 267, 269(g), 270, 278(1)(3), 279(b) u 280(2), inkluż il-proviso ta' l-istess, tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva.

Miż-żmien ta' priġunerija effettiva hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-segwenti ammonti:

- Is-somma ta' €546.80 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Joseph Azzopardi fil-kuntest ta' l-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 1050/2020[56];
- Is-somma ta' €46.43 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina tas-Scene of Crime Officer PC1491 Kurt Attard fil-kuntest ta' l-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 1050/2020[57];

[56] Fol. 62 tal-Procès-Verbal 1050/2020.

[57] Fol. 102 tal-Procès-Verbal 1050/2020.

- Is-somma ta' €170.75 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina tas-Scene of Crime Officer PS384 Emanuel Dalli fil-kuntest ta' l-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 1050/2020[58];
- Is-somma ta' €885 rappreżentanti spejjeż komplessivi inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Dr. Marisa Cassar fil-kuntest ta' l-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 1050/2020[59];
- Is-somma ta' €625.52 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Dr. Stephen Farrugia Sacco[60];
- Is-somma ta' €40.78 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Avukat Dr. Lennox Vella għat-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' Nicole Vassallo[61]-

Komplessivament ammontanti għal **€2,315.28**. Kemm-il darba dawn l-ispejjeż ma jitħallsux mill-imputat, ir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali jkun jista' jipproċedi fil-konfront tiegħu ai termini ta' l-Artikolu 533(2) u/jew (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[58] Fol. 113 tal-Procès-Verbal 1050/2020.

[59] Fol. 107 u fol. 148 tal-Procès-Verbal 1050/2020.

[60] Fol. 116 tal-proċess.

[61] A tergo ta' fol. 408 tal-proċess.